Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 197/201**

Il-Pulizija

(Spettur Graziella Musact)

(Spettur Priscilla Caruana)

vs

**Alfred Xerri**

Illum, 12 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Alfred Xerri detentur tal-karta ta' l-identita' numru 792040 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Birzebbugia u fi bnadi ohra f' dawn il-gzejjer fix-xahar t' Awwissu 2009 ;

1. B' eghmil zieni, ikkorrompa lil persuni ta' taht l-eta' ta' tnax-il sena cioe l-ahwa *omissis* u *omissis*
2. Eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' persuni ta' taht l-eta' tas-sess l-wiehed jew l-iehor, cioe l-istess ahwa minuri *omissis* u *omissis*, persuni ta' taht l-eta' ta' tnax-il sena,
3. Offenda l-pudur jew il-morali b' eghmil li sar f' post pubbliku jew f' post espost ghall-pubbliku.

L-Qorti kienet gentilment mitluba illi minn issa tapplika l-provedimenti tal-ligi a terminu tal-artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta' protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati u c-cirkostanzi.

F' kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna involuta, l-familja taghha kif ukoll dawk il-persuni li lilhom giet fdata l-istess minuri ai termini ta' l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' April, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 203(1)(a) u 209 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu tlett (3) snin prigunerija. Stante li t-tieni (2) mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Il-Qorti ordnat d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri koncernati u tal-familjari u hbieb taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata minnufih lill-imsemmi Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellanti Alfred Xerri minnu pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn iddikjarat illi ma kinitx qed tiehu konjizzjoni tal-akkuza alternattiva u tirrevokaha dwar l-akkuza tal-korruzzjoni tal-minorenni u fi kwalunkwe kaz, tirriforma d-dikjarazzjoni ta' htija billi minflok ir-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni, tiddikjara li kien hemm attentat vjolent tal-pudur u minflok il-piena inflitta, taghti l-piena illi taqbel ghar-reat tal-attentat vjolent tal-pudur.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe' :-

L-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet gabra ta' gurisprudenza dwar il-konvinciment morali tal-Gudikant. Ma' dan l-esponenti jaqbel perfettament.

Wara, l-istess Qorti ghamlet gabra wkoll ta' gurisprudenza u kummenti ta' guristi dwar ir-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni. F' dan il-kaz l-aktar parti importanti kienet id-definizzjoni ta' atti libidinuzi. Meta l-Qorti applikat dawn il-principji ghall-fatti, bir-rispett kollu jinghad illi dan l-apprezzament legali fattwali ma kienx korrett.

L-ewwel Onorabbli Qorti bdiet bis-sentenza Pulizija vs Thomas Wiffen. Fl-Appell kriminali kien intqal illi l-atti "*are capable of arousing the sexual interest of the victim.*" F' dan il-kaz hemm assolutament il-prova kuntrarja illi dawk il-fatti li qed jallegaw it-tfal bhala li sar ntenzjonalment, certament ma kienux "*capable of arousing the sexual interest of the victim.*" Imbaghad huwa aktar importanti dak illi jinghad fil-pagna 12 tal-istess sentenza fejn il-Qorti ikkwotat minn awtur Taljan fejn jissemma' illi l-atti jridu jkunu "*di una certa entita e tali da avere rapporto prossimo e diretto colle funzione sessuali*".

Imbaghad l-istess sentenza Wiffen ghamlet riferenza ghall-fatt illi dawn it-tokkamenti fuq sider it-tifla kienu ripetuti ghal iktar minn okkazjoni wahda u f' ambjent mhux ta' ftit sekondi imma kienu necessarjament jindikaw interess sesswali u li seta' kif kienu jsiru jqanqlu l-konkupixxenza tat-tifla. Dan il-kaz ta' Thomas Wiffen l-avukat sottoskritt jafu sewwa ghaliex finalment spicca fil-Qorti Ewropeja fil-kaz T.W. vs Malta. Fl-istess sentenza wkoll l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet accettat illi "*the minor' Omissis reaction is a fact to be taken into account*".

Applikati dawn l-principji ghall-fatti kif graw, ma jistax jinghad illi kien hemm atti ta' libidini. Ir-reazzjoni tat-tfal, it-tokkamenti fugjaski ta' ftit sekondi, jekk kienu intenzjonali, il-verzjonijiet konfliggenti, il-possibbilta' illi kienu ghal kollox imprevisti, ma jwasslux ghal dak li jikkostitwixxi att ta' libidini.

X' kien hemm li jissodisfa l-kriterju illi jridu jkunu "*di una certa entita*"? X' kien hemm

bhala fatt illi kien "*capable of arousing the sexual interest of the victim*"? Jekk wiehed jaccetta l-volontarjeta' tal-atti, kollox jinkwadra ruhu taht l-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali li huwa attentat vjolent tal-pudur. L-attentat vjolent tal-pudur ma jiddistingwix bejn l-etajiet tal-persuni u jekk humiex minuri jew le. Huwa att misruq fuq il-persuna tal-vittma. Ghalhekk il-fatti fl-ahjar ipotesi ghall-prosekuzzjoni kienu jammontaw ghal dan ir-reat.

Illi I-esponenti sostna u ghadu jsostni illi kienu ghal kollox accidentali.

Ma hemm xejn x' jeskludi dan il-fatt anzi l-prezenza ta' diversi tfal ohra u l-paniku li qabad lill-omm minn hin qabel ma marru jghidulha u l-bumbardament li sar lit-tfal, aktar jasal ghall-konvinciment illi t-tfal gew impressjonati illi anke dak illi kien accidentali, kien fil-fatt volontarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi quddiem l-Ewwel Qorti giet prezentata l-fedina penali kif ukoll ic-certifikat tat-twelid tal-appellant. Fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) l-**Ispettur Graziella Muscat** qrat l-akkuza bil-gurament.

Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehdet **Omissis** li spjegat li '*...ghidtilhom: ma ghamlilkomx xi haga hux? U t-tifla qaltli: ma, ghax dak ir-ragel ghamilli promise. Qaltli: biex ma nghidlekx. U jiena dak il-hin hadt xokk, u ghidtilha: x'inhu? Ghidtilha: u xi promise hu? Ghidli x'ghamillek u hekk. U bdiet tghidli t-tifla. Qaltli: ma, ghax beda jmissni. U ghidtilha: kif? Kif beda jmissek? U bdiet tispjegali t-tifla. Qaltli: beda imissni hekk, jaghmel idejh hekk, hawn hekk u jien....*' Mistoqsija fejn messha wiegbet

li '*Qaltli: beda jmissli kuxtejja u mbaghad itella idu u qaltli mbaghad beda jmissli l-patata lili. U jien dak il-hin hadt xokk terribli. Ghajjat lil ohra u ghidtilha: isma, ghidtilha: lilek ghamillek xi haga u hekk? U bdiet tghidli l-ohra. Qaltli: iva ma. Qaltli: ghamilli l-istess. Qatli: messni, qaltli: messli quddiem, messli wara.*'

Mistoqsija mill-Qorti dwar jekk '*messli quddiem u messli wara qed tirrefereti ghall-parti genitali tat-tfal?*' wiegbet li ezatt. Kompliet tispjega '*U jiena ghidtilha: imma kif messkom? U jien dak il-hin qisni lanqas kont naf x'ser naqbad naghmel. Iggennint. Cempilt lil hbieb tieghi jiena u qed nghidilhom. Ghiditlhom: isma, ghidtilhom staqsu. Staqsejt lit-tifel ukoll u ghidtlu: isma, u qalli: le, ma, xejn lili. Lili xejn. U mbaghad cempilt lil hbieb tieghi, wahda minnhom cempiltilha u ghidtilha: isma, hekk u hekk ma gara. Ghidtilha: t-tifel tieghek... qaltli: ha nghajjatlu ha nistaqsih. Dik staqsietu u qaltli: le, xejn. Hi cemplet lil ohra li kienet maghna u qaltilha xejn ukoll.*' Xehdet li t-tfal l-ohrajn huma subien mhux bniet u li taghha biss bniet. Tghid li kien hemm xi tifla Ingliza ukoll izda ma jafuhiex.

Spjegat li bdiet tikkonfondi kif ser tghid lir-ragel, kien xoghol u kif gie mix-xoghol rahha konfuza u staqsieha kif marru l-bahar u lanqas riedet titkellem u qalilha mhux soltu. Spjegat '*Ghidtlu: madoffi, qed ninkwieta kif ser nghidlek. Jien ghidtlu: nketatata hafna. Qalli: le, x'gara mela? Qalli: ghidli. U qed nghidlu. U ghidtlu ghax morna l-bahar u hekk u hekk ma hu. U t-tfal wara li lestejthom u hekk ghidtilhom: idhlu ftit fis-sodda halli issa nkellem ftit lid-daddy u hekk. Ghall-ewwel lit-tfal ghidtilhom: nahseb lid-daddy ahjar ma nghidulu xejn ghax ma kont naf x'ser naqbad naghmel u bdejt nibza. Lilu bdejt nibza' nghidlu ghax ma nafx x'ser jaghmel. U mbaghad qalli: mur libbes lit-tfal issa. Ghidtlu: qeghdin fuq is-sodda. Ghidtilhom: qumu, ghidtilhom ejja ha nlibbiskom issa. Ghidtilhom ha mmorru, d-daddy qalilna biex naghmlu r-rapport l-ghassa.*' Spjegat li hi u r-ragel hadu t-tfal u ghamlu rapport l-Ghassa ta' Birzebbuga. Mistoqsija hekk minn dak in-nhar 'l hawn it-tfal semmewx xi haga ohra, qalet li tan-nofs qieghda tibza li tarah ghax hu qalilha biex taghmillu *promise* biex ma tghidx lil ommha li messa u affarijiet hekk. Spjegat '*Issa qed tibza. Il-hin kollu tistaqsini: ma mhux ser jarani hux? Ma. . . . il-hin kollu, ghidtilha: le binti, toqghodx tinkwieta. Ghidtilha: le. Imma l-hin kollu, dal ghodu, l-bierah fil-ghaxija, din il-gimgha qisha kollha. Qed tinkwieta fhimt? Qed tibza.*' Hi kkonfermat ir-rapport li ghamlet l-ghassa tal-pulizija.

Fl-istess seduta tal-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehed **Omissis** li qal li huwa mizzewweg u ghandu tlett (3) 'itfal li jisimhom Omissis li ghandha disa' (9) snin, Omissis li ghandha tmien (8) snin u R li ghandu sitt (6) snin. Spjega li fit-tnax (12) ta' Awwissu kien xoghol u spicca f'xi l-ghaxra nieqes kwart (9:45). Mar id-dar normali u kif wasal id-dar ra lil mara mhux normali, hass li gara xi haga. Qalet li jaf li kien xoghol gurnata qabel u qaltlu li ftehmet mal-hbieb taghha mizzewgin bit-tfal ukoll u nizlet il-bahar Birzebbuga maghhom. Qal li lil mara jafdaha u jhalliha tmur kullimkien. Fl-ghaxija kif wasal id-dar ra lil mara daqxejn '*vojta*' u mahsuda u ma tridx tkellimu u hekk. Staqsiha inqalax xi haga, garax xi haga u beda jiprova jkellimha u ma tkellmux. Minn hawn u minn hemm qaltlu li qed tibza tghidlu u bdiet tispjegalu bil-mod. Spjega li '*Dak il-hin hassejt fwawar kbar tilghin, qisu ma nafx x'qed tghidli hi stess. Ghidtilha: mur qajjem lit-tfal ha mmorru naghmlu rapport l-ghassa. Fejn libbset lit-tfal u lestejn u nzilna naghmlu rapport l-ghassa Birzebbuga.*' Jghid li mal-ewwel ha l-azzjoni tieghu l-ispettur, is-surgent u kien hemm pulizija mara ohra. Is-surgent u l-pulizija mara wkoll t-tifla tan-nofs tkellmet maghhom u qaltilhom x'gara u bdew il-proceduri legali mbaghad mal-Ispettur ta' Birzebbuga u l-Ispettura tal-Vice Squad. Huwa kkonferma r-raport li huwa ghamel mal-pulizija. Mistoqsi jekk l-imputat avvicinahomx minn dak in-nhar, qal li le u lanqas qatt ma rah u ma jafux.

Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehdet l-**Ispettur Priscilla Caruana** li esebit bhala PC kappell li elevaw mir-residenza tas-sur Xerri, l-ghada t-tlettax (13).

Fl-istess seduta tal-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehdet Omissis permezz tal-procedura tal-video conferencing li qalet li ghandha disa' (9) snin u li qieghda f'klassi 4.1 u ser titla year five (5). Ikkonfermat li ghandha hbieb. Thobb il-baseball u tghum. Tikkonferma li dan is-sajf marret tghum mhux hazin. Mistoqsija mill-Qorti dwar li dan l-ahhar gara xi haga u li hi, omma u Omissis marru l-Ghassa tal-Pulizija u mistoqsi jekk trid tghid x'gara waqt li kienu hdejn il-bahar, wiegbet '*Ghax kien hemm ragel u beda jmissilna l-private body.*' Qalet li dan ir-ragel kien fil-bahar ma tlett' (3) iklieb zaghar. Qalet li bdiet tarahom u qalu kemm huma helwin u qalilha iva u hekk biss. Xehdet '*U mbaghad baqa' jmissni u mbaghad tlaqt. Ghidtlu li l-mummy bdiet tghajjatli u mhux veru u tlaqt.*' Kienet fil-bahar u li jlahaqha sa ghonqa

biss. Tikkonferma li ma kinitx qed tghum ta' bil-fors izda li setghet timxi. Il-klieb kienu fuq il-lilo ta' dak ir-ragel. Kienet qed tarha l-klieb u messet wiehed biss. Mistoqsija '*dan ir-ragel kif ghamel biex messlek il-private body? Beda jkellmek qabel? X'ghamel?*' wiegbet '*Ghax kont qed nghum u beda jdahhal hekk u beda joqghod izommni hekk minn hawn.*' Mistoqsija '*Jigifieri messlek il-patata minn wara, sewwa u mbaghad dahhal idejh?*' wiegbet le. Qalet li '*Kont fil-bahar hekk jien u hekk u beda jzommni hekk.*' Il-Qorti kkumentat '*All right. ok. Hawn hekk il-minuri poggiet idejjha fuq il-warrani taghha u ghamlet mossa fejn l-id dahlet bejn il-kuxtejn u ghal parti genitali taghha.*' Mistoqsija kemm dam izommmha hekk, qalet li zamma minuta biss u mbaghad '*bdejt nitlaq u ndur.*' Mistoqsi jekk dan ir-ragel qalliex xi haga wiegbet '*Zur. Indur jien bdejt, ma qalli xejn imma.*' Mistoqsi jekk meta kienet fil-bahar u graw dawn l-affarijiet, kien hemm xi hadd iehor mill-hbieb tieghek jew minn hutek?' wiegbet li kien hemm ohta u s-subien kollha imma s-subien ma messhomx. Qalet li kien hemm ohra Ingliza. Is-subien kienu hdejha. Mistoqsija jekk vicin hafna, wiegbet li mbaghad marru mill-ewwel huma. Huma telqu qabilha. Meta messilha l-'*private body*' kienu diga' telqu. Mistoqsija jekk telqitx u marret hdejn ommha wiegbet li le, marret tghum wahedha u Omissis kienet hdejha fuq il-lilo. Meta telqet hi halliet lil Omissis fuq il-lilo warajha. Qalet li lil ommha qaltilha d-dar ghax lehqet nesiet. Omissis qaltilha d-dar. Mistoqsija '*U qaltlek id-dar qabel ma kellmitek il-mama jew waqt li l-mama kienet qed tkellemek?*' wiegbet '*L-mummy l-ewwel kellmitna, qalet messilkom x'imkien, ghidnielha iva u mbaghad wara meta konna se immorru fis-sodda qaltli.*' Apparti lil ommha ma qalet lil hadt aktar, qalet li tkellmet mal-hbieb meta marru maghhom. Il-lilo kien ahdar skur hafna u taht griz. Tiddiskrivi l-klieb bhala li kien hemm wiehed abjad bin-nokkli, iehor iswed minghaliha jew griz bin-nokkli u kien hemm wiehed puppy kannella li ma kienx bin-nokkli. Kienet liebsa malja shiha. Mistoqsi '*OMISSIS meta ghidtli messlek il-private body, inti ghidtli li kont liebsa malja. Meta messek, messek fuq il-laham jew fuq il-malja?*' wiegbet '*Fuq il-malja.*'

Mistoqsija '*OMISSIS, f'mument wiehed meta kont qed tghidli x'gara u x'ma garax, ghidtli li imbaghad qisek inti bdejt tiddejjaq u gdibtlu u ghidtlu li qed tghajjatlek il-mummy. U tlaqt. Tghidli x'kien qed jigri u int iddejjaqt?*' Wiegbet '*Ghax l-ewwel meta beda jmissni, hekk skantajt.*' Qalet '*jigifieri bqajt . . .*' kompliet '*u mbaghad meta beda jaghmilli hekk, tlaqt nigri. U hu kien ser jaqbadni minn saqajja u lhaqt tlaqt imbaghad.*' Mistoqsija jekk pruvax

jaghmel xi haga taht il-malja taghha wiegbet '*Kien, imma ma hallejtux.*' Qalet li kien ser jipprova. Qalet '*Ghax l-ewwel ghamel hekk u kien ser jidhol.*' Il-Qorti kkumentat '*U pprova jidhol minn taht il-malja. Pero*' *kien ghadu fuq il-parti tal-koxxa ghax qed taghmilli hekk.*'

Iddeskriviet lil dan ir-ragel bhala ohxon b'zaqqu barra, kellu bicca ma kellux xaghar u kkonfermat li mit-temples lura kellu x-xaghar abjad u kellu daqna twila u bajda. Kellu malja shorts qisu fl-orange. Kellu kappell qisu tond u '*dawk ghandu t-tondjatura mdawwra.*' Qalet li '*Kellu din imdawwra hekk qisha.*' Mistoqsija jekk '*Imma kienet qisha, din il-parti li kellu t-tondjatura, kienet zghira jew qisha bhal beritta?*' Wiegbet '*Din kienet hekk u din il-bicca li ghamiltlek kienet hekk, din il-bicca ta hawn.*' Ma tiftakarx il-kulur. Qalet li kellu f'rasu kienet qisha beritta. Giet muriha l-esebit C u qalet li hekk kienet u kkonfermat li zgur. Mistoqsija telghetx fuq il-lilo wiegbet li le, li hu qalilha '*trid titla*' *u jien ghidtllu: no thank you.*' Qalet li taht il-bahar beda jmissha biss. Mistoqsija mill-Qorti 'Issa Omissis ahna taht il-bahar ta' tfal li konna gie li konna naghmlu kuntrumbajsi, naqbzu minn fuq il-lilo ghal isfel, niddajvjaw, nghaddu minn taht xulxin, xi hadd jaghmel saqajh hekk wiesghin u inti tghodos u tghaddi minn tahthom. Xi hadd qallek biex taghmel xi haga minn dawk l-affarijiet?' wiegbet li le u kkonfermat li certa. Mistoqsija qallhiex biex taghmel xi haga taht il-bahar wiegbet li le lil ohtha qalilha hekk biex tghodos minn tahtu, mistoqsija jekk talabiex taghmel hekk lilha qalet li kien ma kinitx hemm u b'referenza ghal ohtha tghid li kienet wehidha. Mistoqsija '*Meta inti kont sejra u ghidtlu: 'isma ahjar immur ghax il-mama qed tghajjatli, dan ir-ragel qallek xi haga?*' wiegbet '*Qalli: tmur xejn u jien bzajt ghax kien jaghmilli xi haga u jiena xorta tlaqt.*' Ma qalilha xejn aktar ghax ma baqghetx hdejha.

In kontro-ezami ma tafx tghid kemm kienet il-boghod ommha izda hafna izjed minn kemm indikat il-Qorti. Qalet li l-ewwel kien hemm ir-ragel il-bahar u huma kienu qed jghumu u rawh u telqu biex jarawhom, biex jaraw il-klieb. Qatt ma ratu qabel. Huma marru jkellmuh u mhux hu ghajjatilhom. Ikkonfermat li meta marru jaraw il-klieb kienu hi u hafna shabha, kienu sitta (6) '*jew hekk*'. Kienu naqra vicin xulxin. Il-boys kienu l-hin kollu maghhom mbaghad meta kienu mal-lilo telqu huma mill-ewwel. Kienu hi u ohtha S. Wara li kien dejjaqha ma marritx tghid lil ommha x'garalha '*ghax kont ilhaqt insejt.*' Is-shorts dejjem baqa' fuq dan ir-ragel, qatt ma

ghamel xi haga b'dan is-shorts. Hi ma pruvatx titla mal-lilo. Mistoqsija '*Jista jkun illi dan ir-ragel laqtek b'accident?*' wiegbet '*Le*'. Mistoqsija '*Jigifieri per ezempju taf meta xi hadd jipprova jerfghek biex jghollik ghal fuq lilo jista jkun forsi jmissek bi zball, imma mhux ghax irid imissek, jista jkun illi grat hekk?*' Wiegbet '*Lanqas xejn le.*' Mistqosija dwar li qalet li zammha minuta u li jekk tghodd one, two, three kemm tahseb li tilhaq tghodd, wiegbet li ' *xi thirty (30)*'.

In ri-ezami mistoqsija l-ghada filghodu jekk marritx skola, wiegbet iva u mistoqsija garax xi haga, qalet le. Mistoqsija kif kien qed ihossha l-ghada, qalet imdejqa u li tkelmet mal-ghalliema biss.

Giet esebita tpingija ta' kappell bhala 'Dok K'.

Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehdet ukoll Omissis permezz tal-procedura tal-video conferencing. Ikkonfermat li dan l-ahhar hi, ommha u hutha marru jghumu u l-missier ma giex. Qalet li darba kien hemm ragel u kellu tlett (3) iklieb, wiehed bin-nokkli abjad, tnejn jisimhom Kakokka u Kaka u iehor li ma tafx x'ismu. Qalet li '*Wiehed abjad, wiehed qisu bin-nokkli suwed imma ma kellux hafna nokkli u iehor kwiet kannella.*' Marru jghumu Pretty Bay u kienu ma iktar hbieb. Kienu sitta (6) jew disgha (9). Qalet li rat wiehed xih bil-lilo u tlett (3) iklieb fuq il-lilo. Ma kienux qed jghumu u meta raw lil dan ir-ragel u l-klieb marru hdejh, kienu xi erbgha (4). Qalet '*Jiena, ohti habib tieghi u hija.*' Qalet '*Imma ohti u hija kienu marru mal-ewwel*' u qalet li kien hemm wiehed jismu Omissis baqa' hdejha. Qalet li l-ilma kien ilahqilha. Il-lilo kien ahdar skur u minn taht ma tiftakarx ezatt imma griz tahseb. Qalet '*ghidtlu: "dawn kollha girls?" il-klieb, qalli: "iwa", ghalhekk indunajt li Malti u kien hemm wahda Ingliza wkoll.*' Qalet li kellu beritta celesti u daqna twila. Il-malja qisha *orange* kienet, ma tiftakarx ezatt. Qalet li kellu zewg (2) tpingijiet zghar '*bhal tad-daddy imma zghar.*' Il-Qorti kkumentat '*Ok, ehe kellu tpingija fuq dirajh ehe.*' u li t-tifla uriet '*the right arm*'. Qalet li ohxon, qalet li beritta '*mhux dik li jkolla tghatti hekk, qisha twila hekk celest.*' Ikkonfermat li mhux beritta bil-pizz. Qalet '*Ghax dik li ma jkolliex hekk, hi kollha bhal din qisha mdawwra ma kullimkien u tkun twila hekk.*' Fuq suggeriment tal-Qorti '*Jigifieri kella l-faldi ma kullimkien.*' wiegbet '*Ehe u anke jkolla qisha hekk twila. Xaghru ma rajtiex ghax kienet mghottija bil-kappell.*' Mistoqsi meta marret tara l-klieb

fuq il-lilo x'gara. Wiegbet '*Beda, l-ewwel beda jmissli hawn, beda jipprova jmissli . . . .*' Il-Qorti kkumentat '*Hawn hekk ix-xhud indikat il-genital area.*' Kompliet tixhed '*...u mbaghad messli zaqqi u jien biex ma jmissli hawn inqlibt ghal ta' apposta il-bqija dejjem hu beda jghidli biex, beda jimbuttani minn saqajja. Gibidni min saqajja minn taht il-lilo u qalli biex nghum u qalli wkoll biex nghaddi minn tahtu.*' Mistoqsi '*Tghaddi minn bejn saqajh jigifieri?*' wiegbet '*Ehe u ghal zewgt (2) darbiet.*' Qalet li ma messietux ghax kien mahmug. Kienet liebsa malja shiha. Mistoqsija '*U meta messek hemm hekk fejn urejtni, messek fuq il-malja jew fuq il-gilda, tiftakar?*' wiegbet '*Hawnhekk mhux fuq il-malja hawn, imma . . .*' Bil-Qorti tikkumenta '*Kuxtejk.*' u wiegbet '*Ehe imma zaqqi fuq il-malja, hawn hekk imma beda jipprova jmissuli.*' Ikkonfermat li minn fuq il-gilda, mistoqsija jekk irnexxilux jmissha fuq il-private body wiegbet le u jekk ma rnexxilux fuq il-laham wiegbet le. Mistoqsija kif prova wiegbet '*Bhal qisu hekk, ma nafx kif tghida*', '*Qisu jipprova jimxi bil-mod il-mod idu.*' Ma lahaqx il-lastiku. Ma tantx dammet tigri din il-haga, ma damitx tkellmu hafna. Mistoqsija '*Ok, domt hames (5) minuti, domt ghaxar (10) minuti mill-bidu sa l-ahhar sa kemm ma tlaqt.*' wiegbet '*Ehe u dak kellu kelb harablu mill-lilo ghax kien qabez allura mar ghalieh u qalli biex inzommulu u wara li zammejtulu kont tlaqt.*' Qalet li li l-lilo kien qieghed hdejn ommha. Mistoqsija meta telqet hdejn ommha kienx ghad fadal xi hadd mieghu jew kienet baqghet wahedha wiegbet '*Le ghax l-ewwel kien hemm tifla Ingliza u din kienet qed tghajtilha*' kkompliet '*...il-mama taghha, marret u ma regghetx giet.*' Kompliet '*Imbaghad kien hemm tifla ohra bil-bikini, l-Ingliza bil-bikini wkoll, kien hawn tifla ohra bil-bikini blu skura, qisha bhal l-ingravata tad-daddy u beda jghidilha 'ejja ftit' imma ma marritx, qalet "le". Jigifieri jiena wahdi bqajt.*' Qalet li hi baqghet wahedha mal-habib taghha li jismu Omissis u indikat li kien qisu xi zewg piedi boghod. Mistoqsija '*OMISSIS, jekk kellek tghodd kemm dam jipprova jmisslek il-koxxa u l-private body tieghek kemm dam jipprova jmisslek il-koxxa u l-private body tieghek kemm tghodd? Per ezempju kellek tghodd one, two, three . . . sa fejn tasal?*'' Wiegbet sa six (6), seven (7). Dwar meta telghet fuq il-lilo qalet li l-ewwel darba saqsietu hi imbghad beda jghidilha hu izda bdiet titla wahedha. Waqt li kienet fuq il-lilo '*Beda jimbuttani minn saqajja biex nghods.*' Qalet '*Imbaghad il-klieb meta nitla jahsduni, joqghodu jimbhu. Ehh imbaghad ghamilli promise wkoll biex ma nghidx lil mummy.*' Mistoqsi '*U x'kellek ma tghidx lil mummy?*' Wiegbet '*Li messni.*' Xehdet ukoll '*Qalli wkoll: "ha nara kemm ghandek nifs", ezempju jien kelli nifs minn hawn sa dik il-mara. Imbaghad qali jekk tghid lil mummy ma nkunux nistghux niccajtaw.*' Lil ommha ma

qaltiliex fuq il-bajja izda d-dar meta kienu jinhaslu. Qalet '*Il-mummy saqsitni mbaghad qalet "X'garalek?", ghidtilha "xejn nahseb", x'qalli dak ir-ragel li ghax ghamilli pomise, imbaghad ghidtilha.*' Qalet li tahseb li anke ohtha bdiet issaqsi. Mistoqsija jekk Omissis qaltilhiex wiegbet li le '*ghax bdejt nismaghhom jitkelmu meta kienet qed tinhasel ohti.*' Hi l-ewwel li nhaslet u hi l-ewwel li qalet lil ommha. Qalet li apparti lil ommha, hi fethet qalbha ma' Spettura. Giet murija l-esebit PC li hi beritta u qalet li '*Dak kien qisu, ghax lil mummuy ghidtilha li kellu toqob minn dawk . . .*' Ratu fuq ras ix-xih u qalet li '*din ma stajtx naraha din ghax nahseb id-daqna . . .*' Mistoqsi kif telqet minn fuq il-lilo minn hdejn dan ix-xih, wiegbet '*Ghax l-ewwel qalli biex inzommu u . . .*' bil-Qorti tkompli tikkumenta '*Biez izzomlu l-lilo ghax qabizlu wiehed mill-klieb.*' u kompliet '*Ija u mar jaghmel toilet ukoll, il-mummy ghajtitli u hija qalli wkoll biex, allura mort u x-xih qalli bhal issa erga igi imma ma mortx.*' Ikkonfermat li talabha terga' tmur pero' ma marritx, bdiet tilghab bir-ramel jew taghmel telliqa mal-habib taghha. Mistoqsi kienx hemm raguni ohra ghajfejn ma regghetx marret, wiegbet '*Ghax issa nibza minnu li, ghidt lil mummy, forsi jerga jarani u jaghmilli xi haga ohra.*'

In kontro-ezami fuq suggeriment li hi kienet qalet li Omissis il-hin kollu kien maghha wiegbet li mbaghad telaq, mhux il-hin kollu, meta telaqlu l-kelb, xi zewg minuti qabel kien telaq. Ikkonfermat li ghamlet ftit hin wahedha ma dan ir-ragel. Mistoqsija meta missilha kuxtejha u l-*private body* jekk Omissis kienx hemm wiegbet '*Anke lil ohti ehh messilha, imma ohti kienet mieghi.*' Qalet li ohtha telqet malajr. Mistoqsija Omissis kienx prezenta jew kien lehaq telaq wiegbet '*Le ghax Omissis kien hdejja u hdejn ohti u anke hija u allura mbaghad meta telqet ohti zewgt (2) minuti, wara zewgt (2) minuti telaq Omissis ukoll.*' Qalet li huha telaq qabel Omissis ghandu jkun. Jiftakar li dawn l-affarijiet graw meta kien ghad hemm Omissis. Taf lil kugin ta' Omissis li jimsu Omissis li joqghod il-Fgura. Omissis joqghod kwazi hdejhom. Meta telqet Omissis ma qaltilha xejn. Qalet li kien hemm habib iehor Omissis, wahda zghira Omissis, Omissis u Omissis u dan it-tifel Omissis kellu qisha '*nuddle*'. Xehdet '*"Ejja mmorru wara l-klieb" beda sejjer, jigifieri wara dan ir-ragel imma dak mort mieghu ma lahhaqniex ghax dan beda jghaggel u Omissis beda sejjer: "ejja nilaghbu" mbaghad. Imbaghad bdejna nilghabu bir-ramel.*' Ikkonfernat li dawn wara li graw dawn l-affarijiet. Mistoqsija jekk meta graw dawn l-affarijiet, meta r-ragel kien qed imissilha l-koxxa u l-parti privata jekk qaltlux xi haga lil Omissis, wiegbet '*Le lil hadd.*'

Mistoqsija '*Ghidtlu xi haga lill dan ir-ragel : "isma inti x'qed taghmel" jew "ieqaf", jew ghidtlu xi haga?*' wiegbet '*Ohti ma qaltlu xejn ghax kienet tibza li jgherraqa jew jghamlilha xi haga u anqas jien xejn.*' Lil hadd ma qalet, id-dar lil ommha qalet. Xehdet '*Il-mummy bdiet tibza tghidlu lid-daddy ghax jista' joqtlu.*' Mistoqsija '*Mela OMISSIS, meta kont qieghda fuq il-lilo kien hemm xi hin illi kellek puppy f'hogrok?*' wiegbet '*Zuuu. Meta ghidtlek li qalli "zommli l-lilo" tellajtu ghax ma setax jitla' dak ta' l-iswed.*' Mistoqsija min hu l-itwal jekk hi jew Omissis wiegbet li Omissis. Mistoqsija sa fejn ilaqhilha fejn kienet tghum wiegbet '*Ghax hemm qisha blat, hemm hekk ftit iktar ilahhaqli imma l-hawn hekk ukoll ilahhaqli, beda jghidli: "ilahhaqlek hawn, ilahhaqlek hawn".*

Ikkonfermat li taf tghum u ila taf tghum minn ta' '*four (4)*'.

Fl-istess seduta tal-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) gie vverbalizzat li '*Dr. Joseph Brincat ghall-imputat, fl-ahjar interess tal-minuri jezenta li ssir identifikazzjoni ta' l-imputat fl-awla. Din mhix mehtiega stante li l-imputat jikkontesta biss dak li qed inghad li gara kontra l-ligi u l-imputat qed jaccetta li fid-data indikata fic-citazzjoni waqt i kien qed jghum bil-klieb, Omissis u Omissis u tfal ohrajn avicinawh fil-bahar biex jiggustaw il-klieb li kellu.*'

Fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehed **PS 853 Frankie Sciberras** li qal li fit-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) ghal habta tal-hdax u kwart (11:15) ta' fil-ghaxija waqt li kien duty *night watch* gewwa l-Ghassa ta' Birzebbuga giet Omissis akkumpanjata minn zewgha fejn giet tirrapurtalu li dak in-nhar stess waqt li kienet qed tghum ma uliedha u ma xi zewgt (2) ihbieb ohra, it-tnejn mit-tlett (3) ulieda, li huma Omissis u Omissis gew abbuzati minn persuna anzjana. Dan kien ghall-habta tas-sitta (6:00) ta' filghaxija gewwa l-bajja s-Sabiha Birzebbuga. Meta talbu deskrizzjoni ta' din il-persuna li rat mill-boghod jghumu fejn it-tfal taghha, qalilthom li kienet ta' nazzjonalita Maltija, semghetu jitkellem bil-Malti, kellu statura hoxna, lehja kbira sal-pavru u xahar abjad u iswed u kellu tattoo fuq idu l-leminija. Kien twil xi *five ten*, qisu x-xhud u kellu madwar sittin (60) sena. Meta hadulha d-dettalji ta' din il-persuna, kellha t-tfal prezenti gewwa l-Ghassa ta' Birzebbuga fejn meta kellmuhom fil-prezenza ta' ommha u missierha, dahhluhom gewwa u kellu police woman Meta staqsew lit-tifla

x'ghamillek ezatt dan ir-ragel, '*qaltilna: beda jmissli sidri, l-patata u l-parti intima taghha. U barra minn hekk beda jghidilha: ghaddi ghum minn taht saqsajja. U ftakrek li kellu anke l-malja x-shorts kienet ta' kulur orange. Qaltilna wkoll it-tifla li kellu xi lilo, kien liebes fisherman's hat ta' kulur celest jew blue u kellu xi klieb, minghaliha tlett (3) iklieb mieghu. Xi poodle u xi tnejn (2) ohra.*'

Kompla jixhed li l-ghada, fit-tlettax (13) ghamlu l-*enquiries* minn naha taghhom, fejn waslu ghal persuna mid-deskrizzjoni li tawhom u ssuspettaw li seta' kien certu Alfred Xerri li gharaf fl-awla. Dak il-hin stess mar fl-indirizz ta' Xerri gewwa 27, Triq San Pawl, Birzebbuga fejn waqa li spjegalu li kellu bzonn jinzel maghom l-ghassa, fl-entratura tar-residenza lemah il-lilo u l-beritta fejn anke elevaw il-beritta u hadha mieghu l-Ghassa Birzebbuga. Kompla jispjega '*Dak il-hin beda jistaqsini ghalfejn u ghidtli: issa ha nkellmuk l-ghassa fuq incident pero' fil-karozza huwa stess intebah bli gara u qalli:jaqaw ghax il-bierah bdejt nghum ma dawk it-tfal? Qalli: jien ma ghamiltilhom xejn. Ghidtlu: jiena ma jien qed nakkuzak b'xejn u mbaghad ghaddejna l-persuna lill-Ispettur.*' Huwa prezenta r-rapport iffirmat bhala Dok. PS.

Mistoqsi kif waslu ghal persuna, qal li tkellmu bejniethom l-ghassa u bdew iqabblu l-'*clue*' li kellhom, ragel ta' sitin (60) sena li jkun bil-klieb. Hu inzerta jafu bil-vista u waslu ghalih. Xehed li ilu f'dan id-distrett ghal tnax (12)-il sena. Qal li jaf lil din il-persuna idur Birzebbuga ikun il-kazini ta-baned u li darba harrku.

Skont ir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 73 et seq immarkat bhala Dok PS tnizzel li gie rraportat llum it-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) ghal habta tal-23:15hrs li waqt li kienet qieghda tghum flimkien mat-tlett uliedha f'Birzebbuga, tnejn minnhom li huma bniet gew abbuzati minn persuna maskili li kien fl-istess bajja hdejhom fil-Bajja tas-Sabiha B'Bugia. Omissis qalet li lum hi nizlet lil uliedha Omissis ta' disa' (9) snin, Omissis ta' tmien (8) snin u Omissis ta' sitt (6) snin fl-imsemmija bajja akkumpanjatha minn zewgt ihbieb taghha Omissis u Omissis, it-tnejn mill-Fgura. Huma damu fil-bajja mis-14:00hrs sat-20:00hrs. F'hin minnhom ghal habta tas-18:00hrs waqt li z-zewgt ibniet kienu fil-bahar, innutat persuna maskili li beda jghum vicin taghhom u jkellimhom. Id-deskrizzjoni ta' din il-persuna hija ta' nazzjonalita Maltija peress li semghatu jitkellem, statuta hoxna, kellu lehja kbira sal-

pavru tal-ghonq b'xaghar abjad u iswed, tattoo fuq idu l-leminija, tul ta' 5'10 u eta' ta' madwar sittin (60) sena. Dan il-persuna maghha kellha tlett iklieb wiehed ta' razza poodle ta' kulur abjad, chiwawa ta' kulur iswed u l-iehor qisu tal-kacca ta' kulur kannella. Barra minn hekk kien qed jaghmel uzu minn lilo abjad u kellu fisherman's hat f'rasu ta' kulur blue. Meta l-Pulizija kellmet lil Omissis ta' tmien (8) snin gewwa l-Ghassa tal-Pulizija fil-prezenza tal-genituri taghha, hi qalet li dan l-adult waqt li kienet fil-bahar m'ohtha, beda jmissilha zaqqha, l-warrani u l-parti intima taghha u talabha wkoll taghmel promise mieghu biex ma tghidx lil ommha ghax inkella ma jkunx jista' jiccajta iktar maghha. Qalilha wkoll waqt li kien fil-bahar riedha tghaddi minn bejn saqajh[1] kif fil-fatt ghamlet u sahansitra baqghet titftakar li kellu l-malja ta' kulur orangjo. Ohtha Omissis l-istess fil-prezenza tal-genituri qalet li anki lilha kien missilha zaqqha, sidirha, l-warrani u l-parti intima taghha. Dan ir-rapport sar hames sighat wara minhabba li z-zewgt ibniet ma kienu qalu xejn lil ommhom dwar x'kien gara fil-bahar u waqt li l-omm kien qed tahsel lil Omissis innocentament qaltilha x'kien gara. Omissis minnufih flimkien ma zewgha Omissis nizlu l-Ghassa biex jitnizzel ir-rapport. F'dan ir-rapport tnizzel ukoll li fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) minn stharrig li sar mill-Pulizija tad-Distrett ta' Birzebbugia il-persuna suspettata giet stabbilita u misjuba. Il-pulizija arrestat ghal habta tas-13:45hrs lil Alfred Scerri li joqghod 27, Triq San Pawl Birzebbugia ID 792040(M) mir-residenza tieghu. Mid-deskrizzjoni li gabret il-Pulizija, Scerri qabel mad-deskrizzjonijiet kollha. Huwa gie mehud il-Lock Up u giet infurmata l-Ispettur P. Caruana.

Fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehdet l-**Ispettur Graziella Muscat** li spjegat li fit-tletax (13) ta' Awwissu tas-sena elfjen u disgha (2009) ghal habta ta' nofs in nhar giet ikkuntatjata minn Omissis li qalilha li huwa wkoll pulizija u li qalilha li t-tfal uliedu, zewgt (2) ibniet kienu Pretty Bay il-gurnata ta' qabel gewwa Birzebbuga u kien hemm ragel anzjan li prova jabbuza minnhom sesswalment. Dak in-nhar stess kelmet mal-Ispettur Priscilla Caruana biex tara x'hemm u x'ma hemmx u hux ghaddejja xi investigazzzjoni u ftit wara nfurmatha li wara li tghata din l-informazzjoni kienu arrestaw lill-imputat li gharfet fl-awla ghax

[1] Fir-rapport tal-Pulizija hemm miktub '*riedha minn bejn saqajh*' u tenut kont tax-xhieda tal-minuri, din il-Qorti qieghda tifhem li din ghandha taqra '*riedha tghaddi minn bejn saqajh*'.

ratu iktar tard. Ftit wara kien gie mehud il-*lockup* tal-Kwartieri Generali tal-pulizija u kienu nfurmawha li ma kienx qed ihossu tajjeb. Hi u Priscilla nizlu l-lock up u l-ewwel diskors '*li qalilna l-imputat kien illi mhux bihsiebu jitkellem u jiffirma xejn qabel ma jkellem lill-Avukat. Ahna ovvjament bghatnieh l-isptar Mater Dei u skorta mieghu kien hemm PC 34, bghatnieh hemm hekk gibna konna ambulanza. Kienu nfurmawna minn naha ta' l-isptar li kienu ha jzommuh hemm hekk u ghal bidu hallejna fixed point mieghu sa kemm hadna dikjarazjoni taz-zewgt (2) ibniet li wara sirna nafu li kienuOmissisu Omissis ghaliex kienu ghamlu rapport ma l-ghassa l-lejl ta' qabel. Jiena dak inhar niftakar kont kellimt lit-tabib li kien incharge mieghu. Kien qabbadni maghha l-pulizija li kien hemm u kienet infurmatni illi qabel the following Monday ma kienx bihsibhom jirrilaxxawh lill-imputat.*' Kien '*ha jiddikorri t-tmienja u erbghin (48) siegha arrest u nfatti tghajtu l-Police Bail ghat-tmintax (18) ta' Awwissu two thousand and nine (2009) ghall-ghaxra (10:00) ta' fil-ghodu.*' Fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) hi fil-prezenza tal-Ispettur Priscilla Caruana u fil-prezenza ta' Omissis hadet dikjarazzjoni ta' Omissis ta' disa' (9) snin illi din spjegat l-gurnata ta' qabel kienet Pretty Bay, Birzebbuga u rat tliet (3) iklieb zghar li maghhom kien hemm dan ir-ragel bil-mustacci bojod mad-dawret kollha ta' wiccu u li kellu beritta tonda. Spjegat li '*Hi qaltli wkoll illi huma kienu fil-bahar pero' lilha minhabba l-istatura taghha kien ilahqilha sa ghonqa l-bahar. Hija qaltli li kienet taf li huwa Malti ghaliex beda jitkellem bil-Malti, mbaghad qalet li mar hdejjha u ddeskrivitli, qaltli: "messli l-private body tieghi minn naha ta' quddiem u anke l-patata". Qaltli wkoll illi prova jdahhal idu minn naha tal-genb tal-malja, pprova jdahhal idu jigifieri minn taht il-malji. Hi qaltli wkoll illi kien ha jerga jipprova jmissha pero' bdiet tisthi, tibza' u bdiet tiddejjaq, allura qaltli li bdiet tghajtilha l-mummy, ghalkemm ma kienx veru pero' gabitha bhala skuza illi kellha titlaq ghal daqshekk. Hija qaltli wkoll illi hu pprova jaqbadha minn saqajjha imma ma rnexxilux jaqbadha. Din it-tifla qaltli wkoll illi kien talaba hu biex titla fuq il-lilo imma qaltlu "le no thank you ma rridx nitla fuq il-lilo" Jiena saqsejt jekk kienitx tkelmet ma xi hadd, qaltli illi dak inhar stess li kellimtha jiena, jiena trid tqis kellimtha l-ghada ta' l-incident wara nofs inhar, hassitha mdejqa allura tkelmet mat-teacher taghha li kienet tattendi ghal lis-Skola Sajf ghaliex xtaqet tghid lil x hadd peress li kienet imdejqa. Id-dekjerazzjoni ffirmatha flimkien ma ommha. Ftit wara hadt dikjerazzjoni ta'Omissis ta' tmin (8) snin fil-prezenza ta' missierha Omissis u fil-prezenza ta' l-Ispettur Priscilla Caruana u bejn wiehed u iehor qaltilna l-istess affarijeit, li kien hemm ragel xih u ohxon kellu daqna twila griza, li kien gieghla taghmel promise biex lil mummy ma tghidilha xejn, li kien messilha l-patata kif ukoll il-koxxa, li beda jipprova jmissilha hemm hekk ukoll minn fuq il-*

*malja, li kienet staqsietu biex titla hi fuq il-lilo mbaghad mal-hin beda jghidilha biex jitla hu fuq il-lilo. Hin minnhom indikatli illi meta kien qed imissilha l-parti taghha hi kienet waqghet apposta minn fuq il-lilo u waqqghet maghha l-kelb ukoll biex ma jmissiliex il-parti taghha. Kienet qaltli li kien talabha wkoll biex tghodos biex tghaddi minn tahtu u ghamlitha ghal xi darbtejn (2) din il-haga, pero' ma messitx mieghu ghaliex meta fethet ghjnejha minn taht il-bahar bdeit titqazzu, hi ratu li kien mahmug. Hu beda jghidilha sabiex tghodos biex joqghodu jinbhu l-klieb, gabilha dik ir-raguni, nghiduha hekk, u meta staqejtha hux ha terga' tmur hdejn dak ir-ragel qaltli li tibza tmur terga' hdetjh pero' hu kien qallha illi jekk tghid lil ommha ta' x'kien gara u ma garax ma kienx ikun jista jerga jiccajta maghha. Saqsejtha jekk iddejqitx b'dak li ghamlilha qaltlt li "iwa jiena ddejjaqt ghaliex hija haga hazina u l-mummy qaltli illi kellu jirrovinanha mid-dinja". Saqsejtha jekk tkelmitx ma xi hadd iehor apparti tal-familja, qaltli "ohti riedet tghid lt-teacher ta' l-Iskola Sajf imma jien ghidtilha dan affarijiet ta' bejnietna mhux suppost nghidulha lit-teacher"*." Qalet li d-dikjarazzjoni iffimata fil-prezenza tal-missier. Fit-tmintax (18) ta' Awwissu gie l-ufficju taghhom l-imputat fl-ghaxra ta' filghodu (10:00am) u kellmuh hi u l-Ispettur Priscilla Caruana wara li tawh is-solitu twissija, ma tiftakarx tghatilux hi, hu spjegalhom li kien iffirma biex jitlaq mill-Isptar Mater Dei, hareg u rega dahal xi darbtejn (2) f'dan il-perjodu u meta staqsewh x'gara dwar dan l-incident li fuqu kienu arrestawh '*qalilna li kien qed jippassiga fil-bahar, jigifieri kien bicca fil-bahar u bicca barra ovjament, li kien hemm tfal bdew jidhqu malli rawh u marru jigru hdejh u kien hemm mumenti minnhom fejn hu sostna illi dejquh u hu beda jkeccihom. Imbaghad qal li kien qallhom "ejjew ghoqodu ghodsu" u nikkwota lilu qal "ejjew ghoqodu ghodsu" lit-tfal "u jien qaghadt fuq il-lilo sakemm it-tfal kienu qed jghodsu". Hu qalli wkoll li talabhom biex jghodtlu minn tahtu sabiex jinbhu l-klieb. Qalli wkoll illi kien pogga wahda mit-tfal fuq il-lilo ghax kienet talbitu hi, illi fuq il-lilo kellu t-tfal u l-klieb, gie li anke f'daqqa u li t-tfal ma bdewx jitilqu minn hdejh f'salt imma bdew jitilqu qisu wahda wahda, wiehed wiehed. Mistoqsi jekk kienx jaf x'kienu libsin dawn il-bniet partikulari li bdejna nsemmulu ahna qal hu ma jhobb ihares lejn xejn ghalhekk ma jiftakarx x'kienu libsin.*'

Xehdet li dakinhar reghet nizlitu l-*lockup* u regghet tellghatu biex tkellmu fis-siegha ta' wara nofs in nhar. Staqsietu jekk wahda mit-tfal qalilhiex xi haga qabel telqet u qal li ma jiftakarx, li jiftakar li f'hin minnhom ghadda minn hdejn ommha u kien jaf li kienet ommha din it-tifla ghaliex kienet qaltlu t-tifla stess. Gie mistoqsi jekk kienx

semma l-kelma '*promise*' ma dawn it-tfal u qalilha "*le ma rridx inwiegeb fuqha din il-misttoqsija.*" Staqsietu dwar kaz li kellu fil-passat li huwa simili hafna u qalilha li ma jridx iwiegeb, qaltlu li dak kien gudikat fuqu u qal li xorta ma riedx iwiegeb fuqu u baqa' jsostni li ma jiftakarx li semma xi '*promise*'. Ftit wara kelmitu l-Ispettur Priscilla. L-ghada d-dsatax (19) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) fl-ghaxra nieqes ghaxra (9:50) ta' filghodu haditlu stqarrija li esebiet fil-prezenza ta' WPC 238 pero' hu ghazel li ma jiffirmahx qabel ma jitkellem mal-avukat tieghu Dr Joe Brincat. Din giet immarkata bhala Dok. GM. Hija esebiet l-istqarrija ta' Alfred Xerri li ttiehditlu fid-dsatax (19) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u fuqha gharfet il-firem taghha, tal-kuntistabbli 238 Monica Bartolo fuq l-erba' (4) faccati tal-istqarrija. Alfred Xerri ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija. Esebiet ukoll certifikat tat-twelid tal-allegati vittmi bhala Dok. GM1 u Dok. GM2.

Stante li meta **Omissis** xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) parti mix-xhieda ma tnizzlitx fit-traskrzzjoni hija regghet xehdet fil-hamsa u ghhoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Spjegat li l-kaz kien fit-tnax (12) ta' Awwissu. Marru l-bahar hi u zewgt (2) hbieb taghha u kienu bit-tffal u ghal hamsa (5:00) tfacca dan ir-ragel. Xehdet li gie bil-lilo, tlett (3) 'iklieb zghar u niezel jghum fil-bahar u t-tfal taghha u tfal ohra kif raw il-klieb bdew iduru mal-klieb jilghab mal-klieb u hi bdiet tghajtilhom biex jigu ghax hasset li ma ghandhomx jersqu lejn dan ir-ragel u t-tfal ma riedux jafu ghax it-tfal taghha ihobbu hafna l-annimali u baqghu hemmhekk. Kien hemm tfal ohra u s-subien bdew jitilqu imma t-tfal taghha baqghu hemm u kien hemm ukoll tifla Ingliza. Imbaghad regghet bdiet tghajjatihom, bdiet tghidilhom '*ejjew, ejjew*', kemm il-darba ghajtitillhom. Spjegat li lil hbieb taghha qaltilha ''*jien mhux nafda*' '*Qaltli: 'imma. . .' Ghidtilha ha noqghod ghassa bhal speci ta' jdejh u hekk. Qaltli: 'bhalissa fuq il-lilo qeghdin idejh' u l-hin kollu qghadt mohhi hemm jiena, imma f'hin minnhom rajtu jaghmel qisu hekk imma ma tajtx kaz.*' Mistoqsija '*kif qisu hekk?*' wiegbet '*Jigifieri idejh fil-bahar hekk jew iressaq it-tfal hekk imma jigifieri jiena ma rajt xejn li hu hazin ghidt forsi qed iressaq it-tfal jew hekk jiena fhimt*' Il-Qorti kkummentat '*Hawn hekk ix-xhud qed taghmel mozzjoni b'dirajha bhal meta persuna jkun qed jigwida lil persuna ohra minn dahru jew minn spallejh.*' Ma setghetx tara minn taht il-lilo x'inhu jigri. F'hin minnhom t-tifla l-kbira ta' disa' (9) snin Omissis f'hin minnhom telqet u kompliet

tilghab in-naha l-ohra. Spjegat '*Imbaghad it-tifla l-ohraOmissisu Omissis baqghu hemm, imbaghad Omissis ghal x'hin minnhom baqghet wehidha hemm u tt-ifel gie jigifieri hdejja u jiena ghidtlu 'mur ghid lil ohtok biex tigi issa' ghidtlu 'ghidilha tigi issa, l-mummy qaltlek tigi issa'. Imbaghad f'hin minnhom telghet it-tifla, telghet u kif telghet wara ftit tela' dak ir-ragel mill-bahar u dan kellu l-kelb insomma, gabar dan skuzi il-dan tal-kelb. . .*' Gabar il-hmieg tal-kelb u qalilhom '*ghax kulhadd jaqbdu facenda*' u hi ratu jhares b'certu mod lejn it-tifla u qisha tat harsa li bezghet u qalet bhal speci din x'harsa hi. It-tfal ma gew jghidulha xejn. Telqu d-dar u l-harsa baqghet f'mohha spjegat 'ghidt gara xi haga zgur it-tifla biex harset hekk u mort id-dar kif ha nahsilhom hekk ghidtilha '*ghal li jista jkun Omissis dak ir-ragel tad-daqna' ghidtilha 'm'ghamlilkomx xi haga hu?', qaltli 'ghax ha nghidlek ma ghax dak ghamilli promise'. Jien dak il-hin tista tahseb, ghidtilha 'promise ta' xiex jien', qaltli 'ghamilli promise ghax beda jmissni u qallha fil-kaz jekk tghid lil mummy ma nistghux nilghabu iktar flimkien'. Jien dak il-hin iggennint, ghajjat lil ohra, ghidtilha jekk ghamilliex xi haga jew hekk u qaltli iva, qaltli messli quddiem u messli wara u jiena saqsejthom jekk hux minn taht il-malja nsomma ghamilt hafna domandi u hekk. Imbaghad qbadt u cempilt lil habiba tieghi li kont maghha u saqsejtha jekk messx lit-tifel taghha jew hekk, ghidtilha x'kien gara u hekk, qaltli le lit-tifel le. Imbaghad hi cemplet lil ohra li kienet maghna u qaltilha lanqas. Imbaghad nghidlek id-dritt bdejt nikkonfondi kif se nghid lir-ragel tieghi gahx haga bhal din ha jehodha bi kbira hafna u kif gie hu mix-xoghol . . .*' Tghid li '*rani kwieta u hekk u qalli 'kif mortu', ghidtlu jiena 'kif tridna mmorru'. Qalli 'kemm int kwieta llum', rani nkwetata, 'ghidtlu ghandi xi haga tinkwetani', ghidtlu ' ma nafx kif se naqbad nghidlek'. Qalli 'ghidli, ghili x'gara'. U qed nghidlu, ghidtlu x'gara u ma garax u t-tfal sa dan it-tant kienu dahlu fis-sodda. Qalli 'mur qajjimhom issa u libbishom halli ninzlu l-ghassa halli mmorru nghamlu r-rapport*'. Spjegat li minn dak inhar l-hawn it-tifla qaltilha li jekk tarah dan ir-ragel qed tibza ghax kisritha l-'*promise*' u mhux darba rrepetitilha, bdiet tghidilha '*ma zgur mhux se nergghu narawh hu?*'. Tghid li imbaghad nizlu l-ghassa, ghamlu rapport u spjegatilhom kollox. Hi gharfet lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kien bid-daqna dak in-nhar.

Fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehdet ukoll **WPC 238 Monica De Marco** li b'referenza ghall-istqarrija a fol 81 xehdet li fid-dsatax (19) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) kienet xhud ta' din l-istqarrija li ttiehdet mill-Ispettur Graziella Muscat ta' Alfred Xerri l-imputat li gharfet

fl-awla u taghtu t-twissija fil-bidu tal-istatement u kien ghazel li ma jiffirmax. Hi gharfet il-firma taghha fuq kull pagna kif ukoll tal-Ispettur Graziella Muscat. In kontro-ezami qalet li ma kinitx involuta meta saret l-interrogazzjoni lil xi wahda mit-tfal minuri.

Fl-istess seduta, xehdet ukoll l-**Ispettur Pricilla Caruana** li qalet li fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) infurmawha mill-ghassa ta' Birzebbuga fuq rapport li kien sar gurnata qabel cioe' fit-tnax (12) ta' Awwissu. Is-Surgent Frank Sciberras infurmaha li kien hemm koppja gew jaghmlu rapport flimkien mat-tfal taghhom rigward allegament abbuz fuq it-tfal taghhom ta' tmien (8) snin u ta' disa' (9) snin waqt li kienu qed jghumu gewwa l-bajja Birzebbuga. Id-diskrezzjoni tar-ragel kienet wahda dettaljata fejn qalu li kellu xaghru bajda kien bil-lehja twila fuq ghonqu, kellu xi tattoos, kien madwar ta' sittin (60) sena u kellu tlett (3) iklieb poodle, ciwawa u puppy tal-kacca u kien qed juza lilo ahdar. Spjegat li waqt li kienet l-ghassa kien hemm membri tal-ALE fejn bghattithom, tghathom struzzjonijiet jaghmlu patrol ghad-desrkrizzjoni ta' dan ir-ragel forsi jarawh. Kien hemm persuna wkoll fl-ghassa li mid-diskrezzjoni qalu li dak jafuh, li jghidulu '*l-Uomo*' u tawha d-dettalji u baghtet is-surgent PS 852 u PC 1246 ir-residenza sabiex tkun tista tkelmu gewwa l-Ghassa. Meta gabuh l-Ghassa, taghtu twissija, qaltlu li qed jigi investigat fuq allegatament abbuz fuq minorenni, huwa mill-ewwel qalilha li jrid igib l-Avukat. Qalilha wkoll qabel ma jibda jitkellem '*jien m'ghamilt xejn.*' Qalilha '*it-tfal kont qed nilghab tellajthom fuq il-lilo.*' Kompliet tispjega '*Qalli 'minn fuq speci li taghmel tigik kontrik', dak il-kliem beda jghidli.*' Infurmat lill-Ispettur Graziella fejn minn naha taghha qaltilha jgibu d-Depot biex ikellmuh hemm hekk l-ufficju taghha. Qabel marru ghandha, ghaddew id-dar ghal xi pinnoli tas-Sur Xerri. Rat il-lilo fir-residenza isfel, hadu ukoll l-fisherman hat li gie prezentat u minn hemm marru d-Depot fejn kellmu lis-Sur Xerri mbaghad kellmu wkoll lit-tfal wahda fil-prezenza ta' ommha u l-ohra fil-prezenza tal-missier. Dak inhar stess infurmawhom mill-lock up li ma kienx qed ihossu sew u ttiehed l-isptar b'ambulanza fejn inzamm ghal osservazzjoni. Inghata l-bail u huma tawh il-bail biex fit-tmintax (18) ta' Awwissu jigi l-ufficju tal-Ispettur Graziella fejn hemm hekk hadulu l-istqarrija, hi ma kinitx prezenti ghaliha izda haditlu l-istqarrija l-Ispettur Graziella Muscat. Fit-tmintax (18) kienet *night* u nfurmawha mill-lock li qed ihossu hazin u haduh il-Floriana Health Centre fejn tawh

l-assistenza u ghamlulu l-maskla wkoll u tawh xi inhalers. Minn dak inhar sa llum il-lehja giet trimjata. Kienet twila sa taht l-ghonq.

In kontro-ezami tghid li meta interrogaw lit-tfal ghmlu dikjarazzjoni izda mhux b'*recording* u lanqas *video recording*. Mistoqsija jekk hadux notament ta' x'kienu qed jghidu wiegbet li hallewhom *free* u esatt x'qalulhom huma. Spjegat '*Li kien hemm speci spjegawlna, ghidnielha x'ghidtlu lil omm u bdew jispjegawlna x'gahmlu matul il-gurnata u ghal fejn speci wara marru ma qaluliex dak il-hin, speci huma stess qauha hawn hekk jigifieri fix-xhieda taghhom.*'

Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed **PC 1246 St. John** li qal li fit-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) wara li kien duty ta' bil-lejl mid-disgha (900) sal-hamsa ta' filghodu (5:00am) giet l-ghassa certu Omissis, omm tlett (3) 'itfal fejn din qaltilhom li iktar kmieni matul il-gurnata, it-tfal taghha gew abbuzati. Huma kellmu lil omm li qalet li kienet gewwa l-bajja ta' Birzebbuga u kienet hemm ila minn filghodu u ghamlet sa wara nofs inhar u qaltilhom li waqt li kienet qed tghum, innutat ragel javvinca lil uliedha. Sa hemm hekk qisu kien suspett biss, qisha hsieb kif jigri bhal kull omm. Mbaghad marret id-dar u waqt li qed tahsel lil uliedha qaltilhom '*isma, qaltilhom: dak ir-ragel li kien hdejkom, dak x'ried minn ghandkom?* U din kien hemm wahda minnhom li jisimha OMISSIS, wahda mit-tfal u qaltilha: mama, dak il-man, qaltiilha: daka beda jersaq lejna, beda jmissilna zaqqna l-parti intima taghna u anke l-warrani, l-patata. U qaltilha: x'ghamlilkom iktar? Qaltilha: sahansitra dan ir-ragel ried li ukoll nghaddu minn taht saqajh u what ever. U waqt li ghadda minn tahtu, hi wkoll fl-istess hin beda jmissha lil din it-tifla. Issa fl-istess hin din it-tifla wkoll innutat lil din il-persuna u taghatna wkoll certu deskrizzjonijiet. Qaltilna li kellu lilo ahdar, kellu l-baffi naqra kbira, qaltli: kien ohxon u taghtna wkoll tifsira, qaltli: kllu wkoll tatoo fuq in-naha ta' idu l-leminija u jgorr il-beritta. U barra minn dan ukoll taghatna indikazzjonijiet li kellu tlett (3) iklieb, puppy qishom zghar. Wiehed Poodle, wiehed Chihuahua u wiehed qisu tal-kaccca. Kompla jixhed li mbaghad it-tifla l-ohra waqt li qed tisma lil ohtha titkellem, qalitlha '*anke lili mama.*' Kompla jixhed '*U waqt li dana t-tifla l-ohra taghat l-istqarrija taghha bhal ma tat it-tifla, li dan ir-ragel beda jghidilhom: isma toqodux tghidulha lil mama, tghiduliex lil mama inkella ma nkunx nista' niccajta maghkom.*'

Spjega li mid-deskrizzjoni li bdiet taghtihom din it-tifla, wkoll peress li ilu daqsxejn stazzjonat hemm, qisu kellu diga' idea tal-wicc ta' din il-persuna, meta bdiet tghidlhom bil-baffi, naqra qawwi. Infurmaw lill-Ispettur Priscilla Caruana u b'hekk marru fil-post indikat fejn jghix dik il-persuna ghax kellhom hjiel fejn joqghod ukoll. Huwa gharaf lil Alfred Xerri bhala l-imputat fl-awla. Fl-istess hin marru wkoll bl-istruzzjonijiet li taghthom l-Ispettur u marru ghamlu search fil-post indikat u nnutaw li l-istruzzjonijiet li tat din it-tifla, l-lilo, il-beritta u l-pupples, id-deskrizzjoni kienu jindikaw mas-Sur Alfred Xerri. Huwa kkonferma r-rapport a fol 73.

In kontro-ezami ikkonferma li kienet l-omm minghajr ma kellmuha t-tfal li diga' kellha hsieb li kien qed idejjaqha. Waqt li kienet qed tahsilhom staqsiethom hi. Mistoqsi jekk fir-rapport nizzilx b'liema mod saru l-mistoqsijiet, wiegeb li r-rapport tnizzel ims-surgent PS 853. Huwa kien xhud ta' dak kollu li ntqal mit-tfal, li qalet l-omm u anke mis-search li ghamlu f'dik id-dar. Spjega li t-tfal kif jista' jirrispondi bhala missier ukoll, innocentament imorru fejn dawn l-affarijiet bhal klieb zghar.

Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed **Omissis** bil-procedura tal-*video conferencing* li qal li ghanndu hdax (11) il-sena u jmur l-iskola ta' Bormla, Verdala u qieghed f'klassi 1.8. Qieghed fis-sekondarja. Huwa jiftakar li s-sajf li ghadda kienu marru Birzebbuga ma xi hbieb, maz-zija tieghu ma habiba taghha. Iz-zija jisimha Omissis u t-tifel taghha Omissis. Kienu ilhom minn fil-ghodu u kien hemm tlett (3) tfal ohra fil-grupp li huma Omissis, Omissis u Omissis. Mistoqsi garax xi haga wiegeb '*Ahna, jiena, mhux jien propja, huma kien hemm ragel u bdew imissulu l-klieb u mbaghad qalulu biex jghiddu minn taht il-lilo u jigbidhom minn saqajjhom, biex jilaghbu. Imma jien ma kontx hemm*.' Kemm sema dak biss. Dan ir-ragel qal dawk l-affarijiet. Ikkonferma li r-ragel beda jghidilhom biex jinzlu taht il-lilo. Rah ftit ir-ragel. Kellu iktar minn kelb wiehed. Kien hemm lilo tieghu. Mistoqsi rax xi haga qal '*Le, just kemm ghaddew minn taht il-lilo u gibidhom minn saqajjhom biss.*' Mistoqsi jekk rahomx jidhlu taht il-lilo wiegeb '*Kemm ghaddew hekk, ghodsu u regghu telghu.*' Omissis u Omissis ghodsu. Daqshekk biss ra. Dak ir-ragel kellu xaghru bajda, dik biss jiftakar u kien naqra ohxon. In kontro-ezami mistoqsi jekk meta ra lil Omissis u Omissis jghoddsu taht il-lilo jekk ghamluhom minn rajhom jew rajt lil xi hadd jaqbad lil xi hadd jew jipprova jisforzhom wiegeb '*Le, kemm ghaddew biss, daqshekk.*' Ikkonferma li wehidhom ghamluha din. Jekk jarah ma jgharfux lil dan ir-ragel.

Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) l-imputat iddikjara li qed jaghzel li ma jixhidx u joqghod fuq id-dikjarazzjoni li ta' lil pulizija u li ma ghandux provi iktar x'jipproduci.

Stante bdil fil-Magistrat sedenti tal-Ewwel Qorti fis-seduta tas-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ezentaw lil Qorti milli terga' tisma' l-provi li diga' nstemghu.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fit-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) l-appellant Alfred Xerri kien qieghed il-Bajja s-Sabiha gewwa Birzebbugia fil-bahar bit-tlett iklieb tieghu li kienu fuq lilo;

2. Illi numru ta' tfal fosthom Omissis u Omissis ahwa ta' disa' (9) u tmien (8) snin rispettivament marru hdejn dan ir-ragel biex jaraw il-klieb;

3. Illi meta kienu d-dar u waqt li l-omm kienet qed tahsel lil Omissis, l-omm staqsiet dwar ir-ragel anzjan u t-tifla qaltilha li kien messha u meta l-omm staqsiet lit-tifla l-ohra OMISSIS, hi qaltilha li kien messla wara u quddiem;

4. Kif missier il-minuri wasal id-dar mix-xoghol, l-omm qaltlu b'dak li kien gara u marru l-Ghassa jirrapurtaw.

5. Illi l-pulizija fuq diskrezzjonijiet moghtija mill-minuri u l-omm, waslu ghall-identitifkazzjoni tal-imputat.

6. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu.

L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li l-apprezzament legali fattwali ma kienx korrett. B'referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Thomas Wiffen'**, jissottometti li f'dan il-kaz hemm assolutament il-provi kuntrarja illi dawk il-fatti li qed jallegaw it-tfal bhala li sar intenzjonalment, certament ma kienux '*capable of arousing the sexual interest of the victim.*' Jaghmel referenza ghal dak ikkwotat minn awtur taljan li l-atti jridu jkunu "*di una certa entitia e tali da avere rapporto prossimo e diretto colle funzione sessuali*". Jissottometti li l-Qorti tal-Appell kriminali kienet accettat illi "*the minor's reaction is a fact to be taken into account*".

L-appellant jissottometti li applikati dawn il-principji ghal fatti kif graw ma jistax jinghad li kien hemm atti ta' libidini. Skont l-appellant, ir-reazzjoni tat-tfal, it-tokkament fugjasti ta' ftit sekondi, jekk kienu intenzjonali, il-verzjonijiet konfliggenti, il-possibilta' illi kienu ghal kollox imprevisti, ma jwasslux ghal dak li jikkostitwixxi att ta' libidini. Skont l-appellant, jekk wiehed jaccetta l-volontarjeta tal-atti, kollox jinkwadra ruhu taht l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali li huwa attentat vjolent tal-pudur. Jissottometti li l-attentat vjolent tal-pudur ma jiddistingwix bejn l-etajiet tal-persuni u jekk humiex minuri jew le. Huwa att misruq fuq il-persuna tal-vittma. Ghalhekk skont l-appellant il-fatti fl-ahjar ipotesi ghall-prosekuzzjoni kienu jammontaw ghal dan ir-reat. Jissottometti li ghadu jsostni li kienu ghal kollox accidentali. Jissottometti li ma hemm xejn x'jeskludi dan il-fatt anzi l-prezenza ta' diversi tfal ohra u l-paniku li qabad lil omm u l-bumbardament li sar lit-tfal li jasal ghal konvinciment li t-tfal gew impressjonati li anke dak li kien accidentali, kien fil-fatt volonatarju.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tibda billi fl-ewwel lok tikkunsidra l-fatti ossia jekk dak li gie allegat mill-minuri setghax sehh accidentalment jew jekk kienx wiehed volontarju. Il-minuri Omissis fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjegat li kien hemm ragel u beda jmissilna l-'*private body*'. Dan ir-ragel kien fil-bahar bi tlett' (3)'iklieb. Spjegat li '*mbaghad baqa' jmissni u mbaghad tlaqt. Ghidtlu li l-mummy bdiet tghajjatli u mhux veru u tlaqt.*' Hi spjegat li '*beda jdahhal hekk u beda joqghod izommi*

*hekk minn hawn.*', kompliet li '*Kont fil-bahar hekk jien u kont hekk u beda jzommni hekk.*' Il-Qorti kienet ikkumentat li '*Hawn hekk il-minuri poggiet idejjha fuq il-warrani taghha u ghamlet mossa fejn l-id dahlet bejn il-kuxxtejn u ghal parti genitali taghha.*' Spjegat li kien hemm ohtha u s-subien kollha imma s-subien ma messhomx. Tikkonferma li meta messilha l-'*private body*' kienu diga' telqu. Tghid li umbghad marret tghum wahedha u halliet lil ohtha warajha fuq il-lilo.

Tghid li Omissis qaltilha d-dar. Ma marritx tghid lil ommha xi gralha waqt li kienu fuq il-bajja '*ghax kont ilhaqt insejt*'. Spjegat li '*L-mummy l-ewwel kellmitna, qalet messilkomx x'imkien, ghidnielha iva...*' Spjegat ukoll li meta kienet sejra '*Qalli: tmur xejn u jiena xorta tlaqt.*' Mistoqsija jekk jista' jkun illi dan ir-ragel laqatha b'accident, wiegbet li le. Filfatt mistoqsija '*Jigifieri per ezempju taf meta xi hadd jipprova jerfghek biex jghollik ghal fuq lilo jista jkun forsi jmissek bi zball, imma mhux ghax irid imissek, jista jkun illi grat hekk?*' wiegbet '*Lanqas xejn le.*' Ghalkemm qalet li zammha xi minuta meta mistoqsija jekk kellha tghodd '*one, two, three*' kemm tahseb li tilhaq tghodd wiegbet li xi tletin (30). Tghid li l-ghada kienet imdejqa u qalet lill-ghalliema tal-iskola sajf.

Il-minuri l-ohra Omissis li ukoll xehdet permezz tal-procedura tal-*video conferencing* fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjegat li kien hemm ragel li kellu tlett' (3) iklieb li kienu fuq lilo u marru hdejh. Spjegat li '*l-ewwel beda jmissli hawn, beda jipprova jmissli . . . .*' Il-Qorti kkummentat '*Hawn hekk ix-xhud indikat il-genital area.*' Spjegat li '*...u mbaghad messli zaqqi u jien biex ma jmissli hawn inqlibt ghal ta' apposta il-bqija dejjem hu beda jghidli biex, beda jimbuttani minn saqajja. Gibidni min saqajja minn taht il-lilo u qalli biex nghum u qalli wkoll biex nghaddi minn tahtu.*' Ikkonfermat li biex tghaddi minn bejn saqajh u li ma messietux ghax kien mahmug. Qalet li kienet b'malja shiha u li mesilha kuxtejha imma mess zaqqa minn fuq il-malja u li '*beda jipprova jmissuli.*' Jigifieri prova jimissilha l-parti privati minn fuq il-laham izda ma rnexxilux. Tghid li '*Qisu jiprova jimxi bil-mod il-mod idu.*' Ma lahaqx il-lastiku. Tghid li kienet ma habib taghha Omissis. Mistoqsija dwar kemm tghodd kemm dam jipprova jmissilha l-koxxa u l-'*private body*' wiegbet li sa six (6), seven (7). Xehdet li l-ewwel darba staqsietu hi biex titla fuq il-lilo mbaghad beda jghidilha hu u bdiet titla' wehidha. Waqt li kienet fuq il-lilo tghid li beda jimbuttaha minn saqajha biex tghods. Tghid li '*ghamilli prromise wkoll biex ma nghidx lil mummy*' u mistoqsija x'kellha ma

tghidx wiegbet '*Li messni.*' Tghid li qalet lil ommha d-dar meta kienu jinhaslu. Qalet '*Il-mummy staqsitni mbaghad qalet "x'garale?", ghidtilha "xejn nahseb", x'qalli dak ir-ragel li ghax ghamilli promise, imbaghad ghidtilha.*' Qalet li bdiet tisma lil ohtha u lil ommha jitkellmu meta kienet qeda tinhasel ohtha u li l-ewwel inhaslet hi u li hi l-ewwel li qalet lil ommha. Spjegat ukoll li '*mar jaghmel toilet ukoll, il-mummy ghajtitli u hija qalliw koll biex, allura mort u x-xih qalli bhal erga igi mma ma mortx.*' Ma marritx '*Ghax issa nibza minnu li, ghidt lil mummy, forsi jerga jarani u jaghmilli xi haga ohra.*' In kontro-ezami ikkonfermat li ghamlet ftit hin wahedha izda tghid li Omissis kien hemm meta graw dawn l-affarijeit. Tghid li telqet ohtha u wara zewgt (2) minuti telaq Omissis ukoll. Mistoqsija '*Ghidtlu xi haga lill dan ir-ragel: "isma inti x'qed taghmel" jew "ieqaf", jew ghidtlu xi haga?*' wiegbet '*Ohti ma qaltlu xejn ghax kienet tibza li jgherraqa jew jghamlilha xi haga u anqas jien xejn.*'

Omissis li xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) bil-procedura tal-video conferencing mistoqsi jekk garax xi haga dak in-nhar in kwistjoni xehed '*Ahna, jien, mhux jien propja, huma kien hemm ragel u bdew imissulu l-klieb u mbaghad qalulu biex jghaddu minn taht il-lilo u jigbidhom minn saqajjhom, biex jilaghbu. Imma jien ma kontx hemm.*' Jghid '*Just kemm smajt dik biss.*' Mistoqsi '*U minn qal biex isiru dawn l-affarijiet*' wiegeb '*Hu, dan ir-ragel.*' Jghid li ftit rah lil dan ir-ragel u li kellu l-klieb mieghu li kienu fuq il-lilo. Mistoqsi jekk rax xi haga wiegeb '*Le, just kemm ghaddew minn taht il-lilo u gibidhom minn saqajjhom biss.*' Jghid '*Kemm ghaddew hekk, ghodsu u regghu telghu.*' In kontro-ezami meta mistoqsi '*Meta rajthom jghoddsu taht il-lilo, dawn Omissis u OMISSIS, dawn ghamluhom minn rajhom jew rajt lil xi hadd jaqbad lil xi hadd jew jipprova jisforzahom?*' wiegeb '*Le, kemm ghaddew biss, daqshekk.*'

Omissis, omm il-minuri xehdet darbtejn f'dawn il-proceduri, darba fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn jirrizulta li t-traskrizzjoni li tidher a fol 14 mhijiex kompluta u ghalhekk sussegwentement regghet xehdet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Fl-ahhar xhieda taghha hi spjegat li dan ir-ragel bil-lilo u tlett (3) iklieb zghar niezel jghum u t-tfal mhux taghha biss bdew iduru mal-klieb '*u jien bdejt nghajtilhom biex jigu, ghax nghidlek id-dritt qisni ma nafx hassejt xi haga li m'ghandhomx qishom jersqu lejh dan ir-ragel u t-tfal ghal xejn ma ridux jafu, ghax it-tfal ihobbuhom l-annimali tieghi hafna u baqghu hemm hekk.*' Tghid li s-

subien bdew jitilqu u li '*bdejt nghidilhom 'ejjew, ejjew', kemm 'il darba ghajatilhom. U jiena lil hbieb tieghi ghidtilha 'jiena mhux nafda.*' Kompliet tispjega '*Ghidtilha ha noqghod ghassa bhal speci ta' jdejh u hekk. Qaltli: 'bhalissa fuq il-lilo qeghdin idejh' u l-hin kollu qghadt mohhi hemm jiena, imma f'hin minnhom rajtu jaghmel qisu hekk imma ma tajtx kaz.*' Spjegat '*Jigifieri idejh fil-bahar hekk jew iressaq it-tfal hekk imma jigifieri jiena ma rajt xejn li hu hazin ghidt forsi qed iressaq it-tfal jew hekk jiena fhimt.*' Il-Qorti kkummentat '*Hawn hekk ix-xhud qed taghmel mozzjoni b'dirajha bhal meta persuna tkun qed jigwida lil persusna ohra minn dahru jew minn spallejh.*' Tghid li '*kien hemm il-lilo bil-klieb u hekk jiena minn taht il-kilo ma stajtx nara. . . .*' Spjegat li Omissis hi tifla ta' disa' (9) snin f'hin minnhom telqet u kompliet tilghab in-naha l-ohra u t-tifla l-ohra Omissis u Omissis baqghu hemm u '*hin minnhom baqghet wehidha hemm u t-tifel gie hdejha u qaltlu 'mur ghid lil ohtok biex tigi issa'*, qaltlu '*ghidtilha tigi issa, l-mummy qaltlek tigi issa*'. Telghet it-tifla u ftit wara tela r-ragel gabar il-hmieg tal-kelb u qalilhom '*ghax kulhadd jaqbdu faccenda*'. Spjegat '*u jien bhal speci rajtu jhares b'certu mod hekk lejn it-tifla hekk u hi qisha tat harsa li bezghet u jien ghidt bhal speci ghidt din x'harsa hi jiena.*' Spjegat li '*mort id-dar kif ha nahsilhom hekk ghidtilha 'ghal li jista jkun Omissis dak ir-ragel tad-daqna' ghidtilha 'm'ghamlilkomx xi haga hu?', qaltli 'ghax ha nghidlek ma ghax dak ghamilli promise'.*' Spjegat li qaltilha '*ghamilli promise ghax beda jmissni u qallha fil-kaz jekk tghid lil mummy ma nistghux nilghbu iktar flimkien*'. Tghid li ggennet, ghajtet lit-tifla l-ohra u '*qaltli messli quddiem u messli wara*'. Tghid li ghamlitilhom hafna domandi.

Skont ma jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 73 et seq gie rraportat li '*Meta l-pulizija kellmet lil Omissis ta' 8snin gewwa l-ghassa tal-pulizija fil-prezenza tal-genituri taghha, hi qalet li dan l-adult waqt li kienet fil-bahar m'ohtha, beda jmissilha zaqqha, l-warrani u l-parti intima taghha u talabha wkoll taghmel promise mieghu biex ma tghidx lil mummy taghha ghax inkella ma jkunnx jista' jiccajta iktar maghha. Qallha wkoll waqt li kien fil-bahar riedha minn bejn saqajh kif fil-fatt ghamlet u sahansitra baqghet tiftakar li kellu -malja ta' kulur orangjo. Ohtha Omissis l-istess fil-prezenza tal-genituri qalet li anke lilha kien missilha zaqqha, sidirha, l-warrani u l-parti intima taghha. Dan ir-rapport sar hames sighat wara minhabba li z-zewgt ibniet ma kienu qalu xejn lil ommhom dwar x'kien gara fil-bahar u waqt li l-omm kien qed tahsel lil Omissis nnocentament qaltilha x'kien gara...*'

Tenut kont li l-imputat fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) iddikjara li qieghed joqghod fuq id-dikjarazzjoni li huwa ta lil pulizija, din il-Qorti sejra tislet partijiet mill-istqarrija tieghu. Din l-istqarrija d-datata d-dsatax (19) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) li mhijiex iffirmata tinsab a fol 81 et sequitur u hija mmarkata bhala GM. L-appellant ma wegibx ghal numru ta' domandi kif wara kollox kellu kull dritt li jaghmel. Meta mistoqsi '*Inti ghedtilna wkoll illi dawn it-tfal bdew jidhku u ma marrux jibku ghand ommhom tikkonferma dan?*' wiegeb '*Iva*'. Mistoqsi wkoll '*Inti spjegajt wkoll illi meta tghodos ittajjar l-ilma u l-klieb jinbhu, tikkonferma dan?*' wiegeb '*Iva*'. Mistoqsi '*Inti ghidt wkoll li hin minnhom kont qed isserrah fuq il-lilo waqt li dawn it-tfal bdew jghoddsu minn tahtek, x'tirrispondi ghal dan?*' wiegeb '*Iva, bdew jghaddu jien bdejt inserrah mil-lilo u nimxi, ghax jien kien jlahhquli saqajja u lilhom ma kienx u l-kumplament ma nirrispondix fuqu.* ' Meta mistoqsi '*Inti ghidt wkoll illi it-tfal telqu wahda wahda u mhux f'daqqa, tikkonferma dan?*' Wiegeb '*Ma nwegibx fuqha ghax minix cert ezatt u dak il-hin meta bdejt nitkellem kont skurmentat.*' Mistoqsi '*Inti spjegajt wkoll li f'mumenti minnhom kien hemm it-tfal kif wkoll il-klieb fuq il-lilo, tikkonferma dan?*' wiegeb '*Iva*'. Mistoqsi '*Lbierah il-Pulizija staqsewk jekk tiftakarx x'kienu lebsin it-tfal u int wegibt illi ma thobbx thares lejn xejn, tikkonfermah dan?*' wiegeb '*U zgur, dawn l-affarijiet lili ma jinteressawnix, x'kont liebes jien naf, shorts twil l-isfel minn irkubtejja, kappell li haduli l-Pulizija, u ma kellix flokk ghax kont fil-bahar nghum.*' Mistoqsi jekk qabel telqu dawn iz-zewg ibniet qalilhomx xi haga, qal li le. Mistoqsi '*Jekk nghidlek illi wahda minnhom inti tlabtha tghamillek promise sabiex ma tghid xejn lill-ommha ghax inkella ma tergax tilghab maghha, xi tghid dwar dan?*' wiegeb '*Ma nwegibx fuqha din.*' Mistoqsi '*Inti missejthom lil dawn it-tfal?*' wiegeb '*Le u zgur li le*' Mistoqsi ukoll '*Jekk nghidlek illi pruvajt iddahhal idejk fil-malja ta' dawn iz-zewgt ibniet, x'tirrispondi?*' wiegeb '*Mhux veru, mela jien mignun, nghazel li ma nwegibx fuqha din wkoll, mela jien qed niggennen jew.*' Mistoqsi '*Inti hin minnhom lbierah ghidtilna li waqt li wahda minnhom kienet hdejt xejjret lill-ommha tikkonfermah dan?*' wiegeb '*Iva, u ommha xejjret lilha, u ghajjtitilha ma wkoll.*' Mistoqsi '*Inti ghidt wkoll li wara qbadt xi brama u ghaddejt minn hdejn ommha, tikkonfermah dan?*' wiegeb '*It-tfal kienu ghadhom fuq il-lilo meta jiena qbadt il-jelly fish, u mort armejta fid-dustbin u kien hemm ommhom vicin.*' Mistoqsi '*Inti madwar 10 snin ilu kellek kaz simili, cioe kien hemm tifla li allegat li ghamlitilha xi haaga, veru dan?*' wiegeb '*Di ta' Sa Giljan, kellha kelb wiccu catt maghha, dik il-habta xtrajtilha gelat ma gara xejn b'daqshekk u gie jghajjat missierha kien.*' Qal ukoll

*'Li qalet it-tifla hija gidba ghax mhux veru, mela jien qed niggennen biex nghamel dawn l-abbuzi.'*

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti li ddeciediet is-sentenza appellata ma kinitx l-istess Qorti li semghet il-provi u l-minuri jixhdu, biss pero' tenut kont tal-fatt li x-xhieda tal-minuri saret permezz tal-*video conferencing*, l-Ewwel Qorti setghet u certament li fliet il-filmati esebiti in atti u dan sabiex tasal ghal jekk dak allegat mill-minuri huwiex kredibbli. Illi bhal kif jigri f'kazijiet bhal dawn, ikun hemm zewg verzjonijiet differenti. L-allegata jew f'dan il-kaz l-allegati vitmi li jixhdu dwar dak li sehh filwaqt li l-allegat aggressur li jichad dak allegat. L-appellant f'dan il-kaz ma cahadx li kien prezenti tant li ghalkemm kien ghazel li ma jixhidx kif kellu kull dritt li jaghmel, kien ezenta lil minuri milli jidentifikawh. Fl-istqarrija rilaxxata minnu cahad l-allegazzjonijiet migjuba kontrih. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Supretendent Sharon Tanti) vs Tristan Falzon'**[2] li ghalkemm b'fatti kompletament differenti minn dawk in ezami, gie ikkunsidrat li:

*'Illi din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament konfliggenti. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex tinstab htija l-imputazzjonijiet iridu jigu pruvati sal- grad ta' oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir- rigward issir referenza ghal sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza** fl- ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal- buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l- ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2013 (Numru: 901/2006)

*would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Illi din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' taqbel mal-appellant li dak li sehh kien ghal kollox accidentali. Ghalkemm jirrizulta car li ma kienx l-appellant li mar fuq it-tfal izda kienu t-tfal li marru fuq l-appellant minhabba li ggustaw il-klieb, haga li tista' tghid t-tfal kollha tigihom naturali li hekk kif jilmhu kelb imorru biex jingustawh, dan bl-ebda mod ma jfisser li dak li allegaw l-minuri mhuwiex kredibbli. L-appellant jissottometti li hemm '*verzjonijiet konfligenti*.' Filwaqt li din il-Qorti tinnota li fir-rapport tal-Pulizija tnizzel li tmess is-sider tal-minuri Omissis filwaqt li fix-xhieda tal-minuri quddiem il-Qorti hija ma qalitx li mess sidirha, dan ma jfissirx li dak deskriet mill-minuri quddiem il-Qorti ma kienx kreddibli. Din il-Qorti tinnota ukoll li huwa kemmxejn konfuzjonarju dwar jekk il-habib Omissis kienx prezenzi waqt li sehh dan it-tmesmis, biss pero' dan lanqas ma jnaqqas xejn mill-kredibilita' tal-minuri u tal-veracita' ta' dak allegat minnhom. Xejn ma jindika dak li bhal donnu l-appellant jallega li sehh bhala wiehed accidentali. Il-minuri Omissis meta mistoqsija dwar jekk setghax messha b'accident, eskludiet dan. In oltre, jekk dan verament sehh accidentalment, ma kien hemm l-ebda raguni ghala l-appellant kellu jghid lil Omissis biex taghmillu '*promise*' biex ma tghidx lil ommha. Il-fatt li l-minuri Omissis ma rax lill-appellant jaghmel dawn l-atti bl-ebda mod ma jfisser li dak li qalu l-minuri Omissis u Omissis ma kienx minnu, dan anke tenut kont tal-fatt li dak li sehh, sehh fil-bahar u li ghalhekk il-vizabilita' ta' dak li jkun qieghed jigri taht il-bahar ma tkunx tajba. Interessanti huwa l-fatt li kif xehed PS 853 Frankie Sciberras fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehed li '*Dak il-hin beda jistaqini ghalfejn u ghidtlu: issa ha nkellmuk l-ghassa fuq incident pero' fil-karozza huwa stess intebah bli gara u qalli: jaqaw ghax il-bierah bdejt nghum ma dawk it-tfal? Qalli: jien ma ghamiltilhom xejn. Ghidtlu: jiena ma jien qed nakkuzak b'xejn u mbaghad ghaddejna l-pesuna lill-Ispettur.*'

Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-Ewwel Qorti fejn ikkunsidrat li:

'*OMISSIS eskludiet li l-imputat seta laqatha accidentalment u li fil-fatt huwa ma kienx qed*

*imissha u l- Qorti hija tal-fehma li x-xhieda taz-zewg minuri tindika kjarament li l-affarijiet ma grawx b'mod accidentali kif qed tissuggerixxi d-Difiza u cioe' li l-imputat seta' laqat lit-tfal accidentalment waqt li dawn kienu qed jilaghbu. Appati l- fatt li l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' tat- tfal stante li dawn kienu dejjem konsistenti fil-verzjoni tal- fatti li taw, hemm zewg fatturi ohra li komplew jikkonvincu lil Qorti li l-imputat kien qieghed konxjament qed imiss lit- tfal fil-parti genitali taghhom u cioe' il-fatt li huwa qal lil wahda mit-tfal sabiex tweghdu li ma kienet ser tghid xejn lil ommha dwar dak li kien gara kif ukoll il-fatt li malli gie arrestat l-imputat mal-ewwel staqsa lil Pulizija jekk huwa kienx qed jigi hekk arrestat minhabba dawk it-tfal li kienu qed jghumu. Il-Qorti jidrilha li li kieku l-imputat verament mess lit-tfal b'mod accidentali huwa ma kien ikollu l-ebda raguni 'il ghala jghidilhom sabiex ma jghidu xejn lil ommhom u l-anqas kien ikollu raguni li jissuspetta li qed jigi arrestat minhabba dak li gara fil-bahar. Ma hemmx dubju li l-imputat qal lil Omissis sabiex ma tghid xejn lil ommha ghaliex huwa kien jaf x'ghamel u li ser jigi fl-inkwiet jekk isiru jafu l-genituri tat-tfal.*'

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk stabbilit li dak li sehh ma sehhx accidentalment, dak li trid tikkunsidra din il-Qorti huwa jekk l-fatti kif pruvati humiex tali li jaqghu taht ir-reat kontemplat bl-artikolu 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jissottometti li ma jistax jinghad li kien hemm atti ta' libidini, li r-reazzjoni tat-tfal, it-tokkamenti fugjasti ta' ftit sekondi jekk kienu intenzjonali, il-verzjonijiet konfliggenti, l-possibilta' li kienu ghal kollox imprevisti, ma jwaslsux ghal dak li jikkostitwixxi att ta' libidini. Jissottometti li jekk wiehed jaccetta l-volontarjeta' tal-atti, kollox jinkwadra ruhu taht l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali li huwa attentat vjolent tal-pudur.

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal dak li s-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Thomas Wiffen'**[3] ikkunsidrat u dan tenut kont tal-fatt li kemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kif ukoll l-appellant fl-appell tieghu ccitaha. F'din is-sentenza gie kkunsidrat li:

'*For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 1996.

*the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts".*

*"Atti di libidine.... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine..... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p. 967).'*

F'din is-sentenza gie kkunsidrat li:

*'Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of*

*whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*And **Francesco Carfora** observes:*

*" .non bisogna intendere la corruzione fisica nel senso ristretto di manifestazione di corruzione morale mediante atti volontari esteriori compiuti dallo stesso minorenne, ma nel senso di contaminazione fisica anche mediante i soli atti dell'agente, inquantoche' agli effetti dell'art. 335 si ha la figura delittuosa della corruzione di minorenne quando questo abbia solo subito sulla propria persona atti contrari al pudore capaci di corrompere, anche se da parte sua non abbia corrisposto con altri atti, che costituiscono prova di un'effettiva corruzione, perche', come gia' abbiamo altrove notato, il legislatore intende a colpire i germi della corruzione gittati dagli atti delittuosi compiuti dall'agente, non in quanto sieno immediatamente sviluppati, ma in quanto possono in un tempo qualunque svilupparsi, e questo ritenne anche la patria giurisprudenza" (op. cit., p.966).*

*In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

Dwar ir-reat ta' korruzzjoni tal-minuri, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef) (Spettur Jessica Grima) vs Omissis'**[4] gie kkunsidrat li:

*'Fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l- azzjoni penali. Fi kliemu ighid illi dana ir-reat: **"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with***

[4] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-22 ta' Jannar, 2014 (Numru 1281/2011)

***violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*** *Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-eta' tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioe' l-eghmil zieni.*

*"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed." Il-Professur Mamo ikompli "this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence". Isostni: "To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Jiddeskrivi dawn l-atti bhala*: "inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite." (*Emfazi mizjuda)

L-istess Qorti kompliet tikkunsidra li:

*'Fl-ahharnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal- korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qabblux dwar il-fatt jekk minuri li diga' huwa korrott jistax ikun soggett ghal koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana ir-reat, madanakollu il-qrati taghna dejjem sahhqu illi l-fatt illi minuri ikun diga' gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludiex il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu. Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-mens rea rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il- Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana ir-reat: "The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Kelinu Mifsud'**[5] gie kkunsidrat li:

*'Għandu jiġi wkoll osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appunta minħabba mhux biss il-kliem "atti ta' libidini", imma anki stante l-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l-opera*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Jannar, 1955

*perikoluża tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-Proġett tal-Kodiċi Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX),għandha tiġi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore";*

*Għalhekk, kull meta l-Qorti tkun perswaza li l-fattijiet tal-każ in ispeċje jinkwadraw ruħhom fl-ipotesi tal-liġi relattiva għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorreni, ċjoe' kull meta jkun hemm (1) l-eta' minuri tal-vittima, (2) l-element materjal tal-attijiet ta' libidini, ċjoe' attijiet intiżi għas-sodifazzjoni sesswali, u li fihom innfishom ikollhom l-attitudini li jokkorrompu, u (3) l-element intenzjonali, ċjoe' ir-rieda tal-ħati li jagħmel dawk l-attijiet, li hu jaf li huma libidinużi fis-sens premess, allura hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, appuntu in forza tal-kriterju negattiv fuq imsemmi, u skond il-prinċipji fuq espost;'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija versus Andrew Bonnici'**[6] fejn gie kkunsidrat li:

*'It-tieni aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, fis-sens li ma jirriżultawx l-estremi kollha tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorrenni, u b'mod partikolari li ma jirriżultax li bħala fatt kien hemm il-korruzjoni. Dana l-aggravju hu infondat u jirrażenta l-fieragħ. Tifel ta' appena tlettax-il sena li jiġi espost għall-għemil li għamel l-appellant kemm fuqu nnifsu kif ukoll fuq il-persuna ta' l-istess tifel, ma jistax ma jiġix korrott, anke jekk forsi dak it-tifel ikun diġa jaf ċertu fatti tal-ħajja jew ikollu xi esperjenza sesswall. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali ta' l-iżvilupp fisjoloġiku ta' dak li jkun, u altru l-imposizzjoni ta' sitwazzjonijiet, determinati minn għemil żieni, li manifestament jipproduċu leżjoni fl-intergrita' morali tal-minorrenni. (...)'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Carmelo Abdilla) Vs Carmelo Sant'**[7] gie kkunsidrat li:

*'Illi stabbilit dan, suppost li kien ovvju ghall-Ewwel Qorti li t- tmesmis fuq kuxxtejn il-minuri "ut sic", anki jekk ma jistax jitqies b' certezza bhala ghemil zieni, kien zgur jammonta ghal attenetat vjolent ghall-pudur u fil-fehma ta' din il-Qorti kellha ukoll tinstab htija tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant f' dan is-sens. Pero' dwar dan ma sarx appell mill-Avukat Generali w dik il-parti tas-sentenza issa titqies li ghaddiet in gudikat.*

*Pero' din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-att ta' masturbazzjoni maskili quddiem tfajla*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Jannar, 1998
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 289/2008)

*ta' erbaghatax il- sena kien att li - ghalkemm mhux kommess fuq il-persuna tat-tfajla fis-sens li ma kienx hemm kuntatt fiziku maghha - zgur kien intiz biex jistiga, jghin jew jiffacilita' l-korruzzjoni taghha w cioe' att li jaqa' bla dubju ta' xejn entro l- interpretazzjoni li, skond il-legislatur, ghandha tinghata lil dan l-artikolu relativament gdid 203A indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tieghu.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Pulizija Spettur Sharon Tanti vs Rea Cuono'</u>**[8] gie kkunsidrat li:

*'Illi fil-kaz in ezami din il-Qorti trid tezamina kemm-il darba l-fatt illi l-imputat qieghed idejh momentarjament, fuq il- parti genitali tal-minuri, tfajla ta' ommissis (ommissis)-il sena, minn fuq il-hwejjeg, tikkostitwix atti di libidini u kemm-il darba dan l-att fil-fatt kellux effett korrussiv fuq il- minuri. Illi kif iddeliniat ben tajjeb il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza Wiffen fuq indikata, l-Qorti trid taghmel apprezzament mhux biss ta' l-atto di libidini fih innifsu izda wkoll jekk tali att in effett ikkorrompix lill-istess minuri. Illi fil-kaz in ezami l-atto di libidini - il-mess momentarju bl-id ta' l-imputat fuq il-parti genitali tal-minuri, minn fuq u mhux minn taht il-hwejjeg, huwa atto di libidini pero' wiehed mill-anqas nocif. Il-Qorti, fl-apprezzament taghha, qieset illi dan l-att fuq il-minuri Ommissis A ta' ommissis (ommissis)-il sena ma kellux l-effett sesswalment korrussiv. Kien ikun ferm differenti kieku l- minuri Ommissis A kellha tlettax (13)-il sena jew anqas. Dan bl-ebda mod ma jxejjen ir-realta illi din l-esperjenza kienet ghal Ommissis A esperjenza qarsa u wahda illi halqet biza' konsiderevoli fuq din it-tfajla.'*

L-istess Qorti dwar r-reat taht l-artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkunsidrat ukoll:

*'Il-provi kollha f'dan il-process juru bic-car illi l-elementi kardinali ta' dan ir-reat gew provati sodisfacentement mill- prosekuzzjoni.*

*Illi l-minuri bl-aktar mod vividu tat rakkont dettaljat ta' kif l- imputat bi pretiza ta' mawra rnexxielu jdahhal lil minuri fil- karozza tieghu u minn hemmhekk beda jsuq lejn partijiet ta' l-Imsida u s-Swatar, l-aktar imwarrba u mudlama u dana minkejja t-talbiet ta' l-istess minuri biex iwaqqaf il- karozza u jhalliha tinzel. Gie provat minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-imputat qieghed idejh fuq il-parti genitali tal- minuri mbaghad intefa fuqha fizikament, beda jbusha sabiex jissoffokaha t-twerzieq taghha, intefa' fuqha b'mod illi sammarha tahtu tant li*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-20 ta' Mejju, 2009 (Numru: 147/2006)

*qatghalha nifisha. Illi minkejja r- resistenzi ta' din il-minuri illi hija tfajla petita hafna, l-istess minuri ma setghet taghmel xejn biex tiddizingagga ruhha minn tahtu. Illi kien biss meta din il-minuri nfexxiet tibki illi l-imputat waqaf milli jkompli jimmolestaha. Illi anka wara dan, meta l-istess minuri pruvat tohrog mill-karozza, l- imputat rega' gebbidha lura.*'

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant prezenta permezz ta' nota quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kopja tas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Omar M. Ammar Z. Jolqham**[9]' fejn kien gie kkunsidrat li:

'*L-ewwel Qorti rravvizat f'dan kollu r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din il-Qorti ma taqbilx. Il-fatti kif deskritti mit-tfajjel MM, fil-fehma ta' din il-Qorti, jammontaw (ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni) ghar-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur tat- tfajjel MM – reat li hu inferjuri fil-gravita` ghal, izda kompriz u involut fi, ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni – u fil-forma kontinwata stante li certi atti sehhew fil-kazin u ohrajn fl- appartament. Din il-Qorti kellha diga` okkazzjoni li telabora dwar id-differenza bejn iz-zewg reati fis-sentenza taghha tat-13 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Micallef****, ghal liema sentenza qed issir piena referenza a skans ta' hafna ripetizzjoni. Inghad in partikolari f'dik is-sentenza hekk:*

***"Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti tara li l-atti kommessi mill-appellant, deplorevoli kemm huma deplorevoli meta wiehed iqis ir-relazzjoni li kienet tezisti ta' ghalliem u studenti, ma kienux jammontaw ghal atti ta' libidini fis-sens tal-ligi taghna peress li, ghall- anqas kif jirrizulta li gew kommessi f'dan il-kaz -- tokkamenti ta' malajr u minghajr ma gew preceduti jew segwiti b'xi attitudini ta' seduzzjoni -- dawn l-atti kienu nieqsa mill-potenzjalita` korrutrici. Dawn l-atti, izda, certament wasslu biex jilledu s-sens ta' pudur tat-tfajliet li, minkejja l-eta` tenera taghhom, hassew li kien hemm xi haga mhux korretta f'dak li kien qed jaghmel l-appellant, nehhewlu idejh, u tlieta minnhom anke rraportawh dak il-hin stess lil Miss Casalletto. L- appellant ma jistax jippretendi li dak li ghamel ma jammontax ghal attentat vjolent ghall-pudur. Il-ligi taghna tipprovdi li kull attentat ghall-pudur jitqies bhala vjolent meta jsir fuq persuna taht l-eta` ta' tnax-il sena (Art. 201(a), Kap. 9). Anke li kieku ma kienitx tapplika din id-disposizzjoni***

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Frar, 2008 (Appell Kriminali Numru: 372/2007)

***b'din il-presunzjoni ta' ligi, mill-provi jirrisulta car li dak li sar mill-appellant sar kontra l-volonta` tat-tfal in kwistjoni u, f'dan is- sens, vjolentement. L-iskop li ghalih ikun sar l-att hu rrelevanti..."***

*Anke fil-kaz in dizamina, ghandna biss tokkamenti fuggeski fuq il-parti genitali u fuq il-hwejjeg, tmellis fuq l- idejn u l-koxxa u – fl-appartament – tenatttiv ta' bewsa fuq ix-xufftejn. Ebda wiehed minn dawn l-atti ma jammonta ghal att ta' libidini – "lewd act" – ut sic, ghalkemm jistghu certament ikunu l-preludju ghal tali atti. Dawn gew kommessi f'zewg okkazzjonijiet separati, fil-kazin u fl- appartament, izda certament saru bhala konsegwenza ta' risoluzzjoni wahda, risoluzzjoni preordinata biex l- appellant jillixka lit-tfajjel ghal atti aktar serji.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs. Raymond Cassar'</u>**[10] gie kkunsidrat li:

*'Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li ghandha dubji taghha dwar jekk dak li gie rakkontat mill-minuri jikkostitwixxiex atti di libidini. Apparti minn dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli taghmel il-prova li l-istess minuri giet effettivament korrotta. Jirrizulta li dakinhar tal-akkadut il- minuri kellha sittax il-sena, u dana jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha (Dok. "JM 1" – a fol. 124), u kienet diga' tahdem bhala waitress f'zewg stabbilimenti. Jirrizulta wkoll li wara dak li gara dakinhar tal-akkadut, il-minuri telqet lejn id-dar mifxula u mbezza' pero' jinghad ukoll li wara kienet ukoll marret ghax-xoghol. Minkejja dan u minkejja li l-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia (a fol. 237 et seq.) xehdet li rrizultalha li l-minuri baqghet affettwata fuq dak li sar, b'mod specjali kif iggib ruhha mal-irgiel u tghid li l- minuri m'ghadhiex thossha kunfidenti, dan kollu ma giex pruvat. Ma tirrizultax il-korruzzjoni effettiva ta' OMISSIS u stante li l-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm l-agir tal-imputat kien wiehed deplorevoli, madanakollu dan ma jammontax ghall-eghmil zieni kif trid il-ligi u stante li f'dan il-kaz l-estremi legali rikjesti sabiex jissussiti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta ma jirrizultawx, l-imputat mhux ser jinstab hati tal- ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat minnha.'*

L-istess Qorti kkunsidrat ukoll li:

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) (Numru: 70/2010)

*Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-minuri OMISSIS.*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Micallef** deciza fit-13 ta' Novembru 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:*

*"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar, 1955, fl- ismijiet Il-Pulizija vs. Kelinu Mifsud (Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mill-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall- pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur (p. 933). [...]*

*[K]if gie osservat fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Kelinu Mifsud** (supra),*

*"Ghandu jigi [...] osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appuntu minhabba mhux biss il-kliem "atti ta' libidini", imma anke stante l-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l- opera perikoluza tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il- Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid- diskussjoni tal-progett tal-Kodici Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), ghadha tigi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore"." (p. 934).*

*Fi kliem iehor, l-istess att jista' jammonta biss ghal att leziv tal-pudur ta' dak li jkun jew, jekk ikunu jikkonkorru certi cirkostanzi li jaghmluh hekk, dak l-att ikun att ta' libidini. Il-ligi taghna tikkontempla li r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur jista' jigi kommess anke fuq minorenni, kif jista' jigi kjarament desunt kemm mill-fatt li l-proviso tal- Artikolu 207 taghmel referenza ghall-paragrafu (g) tal- Artikolu 202 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll mill-Artikolu 201(a) tal-istess Kodici. Ghalhekk wiehed ma jistax jargumenta li kull att leziv tal-pudur ta' minorenni jammonta awtomatikament jew necessarjament ghal att ta' libidini.*

*[...]*

*L-appellant ma jistax jippretendi li dak li ghamel ma jammontax ghal attentat vjolent ghall-pudur. Il-ligi taghna tipprovdi li kull attentat ghall-pudur jitqies bhala vjolenti meta jsir fuq persuna taht l-eta' ta' tnax-il sena (Art. 201(a), Kap. 9). Anke li kieku ma kienitx tapplika din id- disposizzjoni b'din il-presunzjoni ta' ligi, mill-provi jirrizulta car li dak li sar mill-appellant sar kontra l-volonta' tat-tfal in kwistjoni u, f'dan is-sens, vjolentement. L-iskop li ghalih ikun sar l-att hu rrelevanti. Kif inghad mill-Qorti Kriminali taghna komposta minn*

*tlett Imhallfin fit-2 ta' Dicembru, 1901 fil-kawza* ***Sua Maestà il Re v. Carmelo Delia*** *(Vol. XVII.iv.7):*

*"Atteso che secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per quasiasi motivo diretto, senza che nulla influisca sulla nozione del reato la diversità della causa che abbia spinto ad agire, sempre che l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui" (p. 8).*

*Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal- kompjant Imhallef Fortunato Mizzi tas-7 ta' Gunju, 1977 fil- kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Orazio Godwin sive Horace Laudi****".*

*Illi, kif gie indikat aktar il-fuq mix-xiehda ta' OMISSIS, jirrizulta li l- imputat beda jhares u jidhak lil OMISSIS u kien hemm drabi fejn beda jmiss il-parti tieghu 'l fuq u 'l isfel il-barra mill-qalziet.*

*Irrizulta wkoll li l-imputat ghadda diversi kummenti lil OMISSIS, fejn qalilha li kienet sabiha, li kellha gisem u li kieku kien nemusa kien imur fuqha. Irrizulta wkoll li l-imputat qabad lil OMISSIS minn idha, minkejja li jichad, u li kien ser ipoggiehilha fuq il-parti tieghu pero' hi mbuttatu. Minkejja li, b'differenza tal-kaz hawn fuq citat, il-minuri fil-kawza odjerna ghandha sittax il-sena, jirrizulta li dak li sar mill-imputat sar kontra l-volonta' ta' OMISSIS u, f'dan is- sens, vjolentement.*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, dak li ghamel l-imputat u dak li huwa qal fil-konfront ta' OMISSIS jista' jitqies bhala attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-minuri OMISSIS u b'hekk it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentment pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jinstab hati taghha.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Carlo Ellul) Vs Anthony Camilleri'**[11] il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:

*'F' dan il-kaz il-piena mhux biss hija decizament entro l- parametri tal-ligi imma hi l-aktar wahda baxxa li setghet taghti l-Ewwel Qorti skond l-artikolu 203 (1)(a)(c) tal- Kodici Kriminali ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kif ammess mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, bl- assorbiment tat-tieni u t-tielet imputazzjoni ghall-fini tal- piena, u dan*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 2008 (Appell Kriminali Numru: 245/2007)

*stante l-konkors ideali jew formali ezistenti bejn it-tlitt reati lilu imputati li skaturew minn fatt uniku.*

*Pero' meta fliet l-atti processwali din il-Qorti rat li, minkejja li l-appellant ammetta mill-ewwel l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, dan kien kaz ta'* ***tokkata fugaci w momentanja*** *fuq il-parti t' isfel tad-dar tat-tifla minorenni, cioe' fuq il-warrani, sia pure taht il-hwejjeg da parti tal- appellant, fatt li fil-fehma ta' din il-Qorti - skond gurisprudenza stabilita - aktar jinkwadra taht ir-reat ta' attentat vjolent ghal-pudur milli ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fl-estremi tieghu. (ara App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. Joseph Micallef"***[12]; "***Il-Pulizija vs. Kelinu Mifsud"***[13]*;* ***"Il-Pulizija vs. Andrew Bonnici"***[14] *;****"The Police vs. Thomas Wiffen"***[15] *;* ***"Il-Pulizija vs. James Demanuele"***[16]*;* ***"Il-Pulizija vs. A. B."***[17]*;* "***Il-Pulizija vs. John Buttigieg"***[18] *;* ***"Il-Pulizija vs. Michael Borg"***[19] *u ohrajn).*' (Dati ta' dawn is-sentenzi jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Ikkunsidrat;

Illi minn analizi tas-sentenzi citati jirrizulta li l-gurisprudenza ma hijiex wahda kostanti ghal dak li huwa kkunsidrat bhala '*atti di libidine*' u l-att ta' korruzzjoni taht l-artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti wara li qieset il-provi kollha prodotti inkluz is-segwenti:

1. Illi skont ix-xhieda ta' Omissis moghtija fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) f'li l-appellant pogga idejh fuq il-warrani taghha u l-id dahlet bejn il-kuxxtejn u ghal parti genitali taghha;

2. Omissis tghid ukoll li '*mbaghad meta beda jaghmilli hekk, tlaqt nigri. U hu kien ser jaqbadni minn saqajja u lhaqt tlaqt imbaghad.*";

3. Omissis mistoqsija jekk kien se jipprova jaghmel idejh taht il-malja wiegbet li '*Kien, imma ma hallejtux.*' Tghid li '*Ghax l-ewwel ghamel hekk u kien ser jidhol*'. Bil-Qorti tikkumenta '*U pprova jidhol minn taht il-malja. Pero' kien ghadu fuq il-parti tal-koxxa ghax qed taghmilli hekk.*' Bil-minuri twiegeb '*Tal-malja kien imma.*' Tghid ukol li '*taht il-*

[12] Deciza fit-13 ta' Novembru, 1998
[13] Deciza fit-8 ta' Jannar, 1955
[14] Deciza fit-23 ta' Jannar, 1998
[15] Deciza fit-8 ta' Jannar, 1996
[16] Deciza fit-2 ta' Ottubru, 2000
[17] Deciza fil-11 ta' Mejju, 2005
[18] Deciza fit-12 ta' Settembru, 2005
[19] Deciza fl-10 ta' Settembru, 2007

*bahar beda jmissni biss.*' Tichad li setgha laqatha accidentalment. Xehdet li meta beda jmissha, skantat;

4. Meta mistoqsija '*Meta ghidtli mbaghad dejjaqni u mort 'l hemm Omissis ghidtli inti mort tghum ftit ghal rasek sewwa, jigifieri int ma mma mortx tghidilha lil mama x'garalek*?' wiegbet '*Le ghax kont ilhaqt insejt.*';

5.OMISSIS meta mistoqsija kemm dam izomma tghid minuta u meta mistoqsija kemm kienet tghodd '*one, two, three*' tghid li xi tletin (30).

6. Lil ommha qaltilha d-dar wara li saqsitha ommha. L-ghada hassitha imdejjqa u marret tghid lil ghalliema b'li kien gara skola sajf.

7. Omissis meta xehdet fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehdet li '*Beda, l-ewwel beda jmissli hawn, beda jipprova jmissli . . . .*' bil-Qorti tikkumenta '*Hawn hekk ix-xhud indikat il-genital area.*' Spjegat li '*mbaghad messli zaqqi u jien biex ma jmissli hawn inqlibt ghal ta' apposta il-bqija dejjem hu beda jghidli biex, beda jimbuttani minn saqajja. Gibidni min saqajja minn taht il-lilo u qalli biex nghumu u qalli wkoll biex nghaddi minn tahtu.*' Tghid li ghaddiet izda '*ma messejtux ghax kien mahmug.*' Xehdet li kienet malja shiha. Spjegat li messa fuq kuxteja izda meta messilha zaqqa '*fuq il-malja, hawn hekk imma beda jipprova jmissuli.*' Mistoqsija jekk minn fuq il-gilda, wiegbet iva izda ikkonfermat li ma rnexxilux imissha fuq il-'*private body*' jigifieri fuq il-laham ma rnexxilux. Meta mistoqsija kif taf li beda jiprova qalet '*Qisu jipprova jimxi bil-mod il-mod idu' izda ma lahaqx il-lastiku*. Tghid ukoll li '*Beda jimbuttani minn saqajja biex nghods.*' Tghid li ghamlilha promise biex ma tghidx lil omma li messha.

8. Omissis meta mistoqsija kemm damet tigri meta mess il-koxxa u l-'*private body*' jekk tghodd '*one, two, three*' wiegbet li tasal '*Sa six (6), seven (7)*'

9. Waqt li kienu fuq il-bajja ma qalitx lil ommha izda meta kienu d-dar jinhaslu '*Il-mummy saqsitni mbaghad qalet "x'garale?", ghidtilha "xejn nahseb", x'qalli dak ir-ragel li ghax ghamilli promise, imaghad ghidtilha*'.

10. Meta mistoqsija ghala ma regghetx marret wiegbet '*Ghax issa nibza minnu li, ghidt lil mummy, forsi jerga jarani u jaghmilli xi haga ohra.*'

Illi ghalkemm jirrizulta li Omissis dak il-hin li beda jmissha fi kliema '*skantajt*', l-ghada kienet imdejqa u qalet lil ghalliema tal-Iskola Sajf, filwaqt li kif anke

kkonfermat omm il-minuri Omissis Omissis tibza li terga' tara lil dan ir-ragel, din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li sehh ir-reat ta' korruzzjoni tal-minuri. Jirrizulta li Omissis ma qalitx lil ommha dwar dak li gara waqt li kienu ghandhom fuq il-bajja peress li fi kliemha nessiet. Kien meta l-omm staqsiet li l-minuri qalulha x'kien gara. Jirrizulta ukoll li t-tmessmis sehh fuq il-koxxa izda f'dak li jirrigwarda t-tmessmis fuq iz-zaqq, il-warrani u l-parti genitali tal-minuri, dan sehh fuq il-malja u mhux direttament fuq il-laham.

Illi l-ewwel element tar-reat tal-korruzzjoni tal-minuri hija l-eta' tal-vittma li trid tkun minorenni kif filfatt huwa l-kaz. It-tieni element huwa l-element materjali tar-reat u cioe' l-ghemil zieni. F'dan ir-rigward l-atti di libidine ikunu ghal gratifikazzjoni sesswali tal-agent jew tal-vittma izda li huma tali li jqajmu l-interess sesswali filwaqt li t-tielet element huwa l-att ta' korruzzjoni. Filwaqt li din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant bit-tmessmis kien intiz sabiex jissodisfa b'xi mod l-imputat tant li tali tmesmis sehh fuq il-malja tal-minuri, mhijiex konvinta li tali tmessmis kien tali li jqajjem l-interess sesswali tal-vittmi ossia '*capable of arousing the sexual interest of the victim*[20]'. In oltre, din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li l-minuri Omissis qalet li waqt li messha l-appellant skantat, u li l-ghada hassitha imdejqa u tkellmet mal-ghalliema tal-iskola sajf filwaqt li l-minuri Omissis meta mistoqsija jekk '*Ghidtlu xi haga lill dan ir-ragel : "isma inti x'qed taghmel" jew "ieqaf", jew ghidtlu xi haga*?' wiegbet '*Ohti ma qaltlu xejn ghax kienet tibza li jgherraqa jew jghamlilha xi haga u anqas jien xejn.*' filwaqt li meta mistoqsija jekk kien hemm xi raguni ohra ghalfejn ma reghhatx marret wiegbet '*Ghax issa nibza minnu li, ghidt lil mummy, forsi jerga jarani u jaghmilli xi haga ohra.*' din il-Qorti mhijiex moralment konvinta li sehh l-att ta' korruzzjoni u dan minkejja l-eta' tenera tal-minuri. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-fatt li l-minuri ddejqu b'dak li gara u l-fatt li wahda mill-minuri hasset il-htiega li titkellem mal-ghalliema tal-iskola sajf u li bezghu mill-imputat ifisser li sehh l-att ta' korruzzjoni.

Illi l-appellant fl-appell tieghu jissottometti li jekk wiehed jaccetta l-volontarjeta tal-atti, kollox jinkwadra ruhu taht l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali li huwa attentat vjolent tal-pudur. Din il-Qorti taqbel li l-fatti pruvati huma tali li jaqghu fil-parametri

---

[20] Frazi mehuda mis-senenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Thomas Wiffen' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 1996.

tar-reat tal-attentat vjolent tal-pudur u dan stante li ma jirrizultawx l-estremi tar-reat ta' korruzzjoni tal-minuri.

Din il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Kelinu Mifsud'**[21] fejn dik il-Qorti kienet iddistingwiet bejn ir-reat ta' korruzjoni ta' minuri u r-reat tal-attentat vjolent ghall-pudur. Fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li '*Jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiżiti tal-korruzzjoni ta' minorenni, hemm dan id-delitt; jekk le, hemm l-attentat vjolent għall-pudur;*' Ikkonsidrat li '*fil-każ preżenti, il-Qorti hi persważa li l-attijiet ma kienux xi attijiet fugaċi sempliċement leżivi tal-pudur, imma kienu attijiet ta' libidini diretti għas-sodisfazzjoni sesswali, b'attitudini intrinseka korrompitriċi, u li fihom kienu jirrakkjudu l-opera perikoluża tas-seduzzjoni...*'

Ikkunsidrat;

L-appellant fit-talba tal-appell jitlob ukoll li l-Qorti '*tirriforma d-dikjarazzjoni ta' htija billi minflokk ir-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni, tiddikjara li kien hemm attentat vjolent tal-pudur u minflokk il-piena inflitta, taghti l-piena illi taqbel ghar-reat tal-attentat vjolent tal-pudur.*' F'dan ir-rigward, din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Omissis'**[22] fejn ikkunsidrat li:

'*Fiċ-ċirkostanzi odjerni din il-Qorti hi tal-fehma li l-att kważi fuġġesk ta' l- appellant ma kienx magħmul b'intenzjoni libidinuża u li dan l-att kien nieqes mill- potenzjalita` korruttriċi iżda biżżejjed biex jiġi oltraġġat il-pudur tal-minorenni (jew almenu ta' uħud minnhom). Konsegwentement l-aġir ta' l-appellant għandu jitqies li jikkostitwixxi attentat vjolenti għall-pudur.*'

Dik il-Qorti fis-sentenza citata ghalkemm skont ma jirrizulta mill-akkuzi imnizzla fis-sentenza, l-appellamt ma kienx gie akkuzat bir-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur, il-Qorti tal-Appell Kriminali xorta wahda sabitu hati tar-reat ta' attentat vjolenti ghall-pudur, tant li kkunsidrat li '*Stante li l-appellant sejjer jinstab ħati tar- reat minuri ta' attentat vjolenti għall-pudur, il-piena trid neċessarjament tiġi ridimensjonata.*'

Din il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Omar M.**

21 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Jannar, 1955
22 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 164/2012 DS)

**Ammar Z. Jolqham**[23]' fejn il-Qorti kienet ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni dwar korruzjoni ta' minuri sabitu mhux hati ta' din l-imputazzjoni izda hati '*tar-reat miuri, izda kompriz u involut f'dik l-ewwel imputazzjoni, ta' attentat vjolent u kontinwat ghall-pudur, kif ukoll hati ta' tentattiv tar-reat kontemplat fl-artikolu 203A tal-Kodici Kriminali...*'.

Minkejja li f'dawn l-ahhar zewg sentenzi citati jirrizulta li l-appellant instabu hatja tar-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur minkejja li ma kienux akkuzat b'tali akkuza, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li f'kaz ta' sejbien ta' htija dan ghandu jkun fil-parametri tar-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur u dan tenut kont tal-fatt li la darba l-appellant ma giex akkuzat bir-reat tal-attentat vjolent tal-pudur tant li lanqas l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tal-gudizzju ma indika l-artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ma tistax issib htija ta' reat li l-appellant ma giex akkuzat bih. Din il-Qorti ma taqbilx li f'dan il-kaz tapplika il-frazi 'l-'*piu' comprende l meno*' fir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri bhal kif donnu jrid ifisser l-appellant u bhal kif donnu gie applikat f'dawn l-ahhar zewg sentenzi citati. Il-Ligi fejn kienet tippermetti li persuna tinstab hatja ta' reat izghar minn dak li gie akkuzat bih, ghamlet dan specifikament fil-Kodici Kriminali. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 467(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-ligi tippermetti li persuna fuq akkuza ta' serq tigi misjuba mhux hatja ta' dik l-akkuza tista' tigi dikjarata hatja ta' misapproprjazzjoni u vice versa. Ghalhekk gialadarba l-prosekuzzjoni ma ressqitx l-appellant b'reat taht l-artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u stante li lanqas l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ma indikax dan l-artikolu, ma tistax din il-Qorti ssibu hati tar-reat tal-attentat vjolent tal-pudur, dan anke tenut kont li z-zewg reati jeskludu wiehed lill-iehor. F'dan ir-rigward, taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Carmelo Farrugia u Patrick Farrugia'**[24] fejn l-ewwel aggravju tal-appellant kien fis-sens li l-Ewwel Qorti ma setghetx issibu hati ta' ragion fattasi peress li hu ma kienx akkuzat b'dan ir-reat izda bir-reat ta' hsara volontarja fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali. Dan l-aggravju gie milqugh wara li fost kunsiderazzjonijiet ohra, gie kkunsidrat li:

'*Biex reat jista' jitqies li hu kompriz u involut f'iehor, l-ingredjenti kollha ta' l- ewwel wiehed*

23 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Frar, 2008 (Appell Kriminali Numru: 372/2007)
24 Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Frar, 2002 (Appell numru: 210/2001)

*iridu jkun jinsabu fir-tieni wiehed. Kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei fir-rigward ta' dak li jsejjahlu "reato complesso in senso lato", ikun hemm din il-figura ta' reat "quando un reato, in tutte o in alcune delle ipotesi contemplate nella norma incriminatrice, contiene in se` necessariamente altro reato meno grave"*[25]*. Proprju minhabba l-intenzjoni ossia l-element formali rikjest fir-reat ta' hsara volontarja minn naha u ta' ragion fattasi minn naha l- ohra, iz-zewg reati jeskludu wiehed lill-iehor, b'mod ghalhekk li ma jistax wiehed minhom ikun kompriz u involut fl-iehor.'*

Illi ghalhekk stante li din il-Qorti sejra tirrevoka is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni ta' korruzzjoni tal-minuri u sejra tilliberah minn din l-imputazzjoni u tenut kont li ghalkemm din il-Qorti taqbel mal-appellant li l-fatti jinkwadraw ruhhom mar-reat tal-attentat vjolent tal-pudur, l-appellant ma giex akkuzat b'dan ir-reat, din il-Qorti ghalhekk lanqas ma tista' ssibu hati ta' attentat vjolent tal-pudur. Kien sta ghal prosekuzzjoni li jakkuza lill-appellant b'dan ir-reat, liema akkuza ma tnizzlitx, tant li lanqas l-Avukat Generali fin-nota tar-Rinviju ma indikax l-artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' l-appell limitatament ghar-ragunijiet hawn ikkunsidrati u sejra ghalhekk tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel imputazzjoni u sejra tilliberah minnha.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant gie anke misjub hati tat-tielet (3) imputazzjoni ossia li '*offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku*'. Jirrizulta li l-agir li sehh huwa tali li joffendI l-pudur jew il-morali, liema eghmil sehh fil-bahar ossia fil-Bajja s-Sabiha f'Birzebbugia u ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija ta' din it-tielet (3) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

---

25 Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale Giuffre` (Milano), 1989, p. 469. Simili, ghalkemm mhux identika, hija r-regola tal-common law Ingliza dwar il-verdetti alternattivi: "At common law conviction of a lesser offence than that charged was permissible provided that the definition of the greater offence necessarily included the definition of the lesser offence, and that both offences were of the same degree, i.e. felony or misdemeanour", Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice (2001) Sweete & Maxwell (London), 2001, para. 4 – 453, p. 494. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna ennumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

Illi din tissottolinea li ghalkemm l-appellant mhuwiex jinstab hati ta' korruzjoni ta' minuri, l-agir tieghu kien wiehed deplorabbli li ma jista' qatt jigi accettat, agir li jqajjem biza' kemm fil-vittma ossia fil-minuri kif ukoll fil-genituri u s-socjeta' in generali.

Dwar il-piena, din il-Qorti qieghda tiehu konjizzzjoni tal-fatt li l-appellant ma giex akkuzat bir-recidiva biss pero' jirrizulta li l-fedina penali tal-appellant mhijiex wahda netta tant li aparti sejbien ohra ta' htija, fl-elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) kien misjub hati li offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew suespost ghal pubbliku u sejra ghalhekk tikkundannah ghal multa ta' elf ewro (€1000) kif ukoll piena massima ta' tlett (3) xhur prigunerija izda tenut kont tal-eta' tal-appellant u tal-fatt li l-appellant qieghed jitqies minn din il-Qorti bhala persuna vulnerabbli, sejra tissospendi dan il-perjodu ta' prigunerija ghall-perijodu massimu permess mill-ligi ta' erba' (4) snin. Ghalhekk dan it-terminu ta' prigunerija ma ghandux jibda' jsehh hlief jekk l-appellant jikkommetti reat iehor fi zmien erba' (4) snin mill-lum.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant billi tirriforma s-sentenza appellata, fejn filwaqt li tikkonferma fejn ma sabitx htija tat-tieni (2) imputazzjoni u lliberatu minnha, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' korruzzzjoni tal-minorenni kif kontemplat fl-ewwel (1) imputazzjoni u minflokk ma ssibux hati ta' din l-imputazzjoni u tilliberah minnha izda tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u ghalhekk filwaqt li tirrevoka l-piena ta' tlett (3) snin prigunerija sejra minflokk tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf ewro (€1000) kif ukoll ghal tlett (3) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, dan il-perjodu qieghed jigi sospiz ghal zmien erba' (4) snin mill-lum. Din il-multa ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

F'kaz li l-ammont jew parti minnhom ma jithallas hekk kif ordnat, ghandhom jigu kkonvertiti fi prigunerija *ai termini* tal-ligi.

Il-Qorti qieghda *ai termini* tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tfiehem bi kliem car lill-appellant ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul l-erba (4) snin mil-lum reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tikkonferma ukoll l-ordni tal-Ewwel Qorti tad-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri koncernati u tal-familjari u hbieb taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Tikkonferma ukoll l-ordni tal-Ewwel Qorti fejn wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata minnufih lill-imsemmi Registratur.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur